Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2018/0328(COD)

17.1.2019

EMENDI
114 - 370

Abbozz ta' rapport
Julia Reda
(PE631.940v01-00)

L-istabbiliment taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

Proposta għal regolament
(COM(2018)0630 – C8-0404/2018 – 2018/0328(COD))

Emenda 114
Jaromír Kohlíček

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-ħajjiet tagħna ta' kuljum u l-ekonomiji qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq it-teknoloġiji diġitali, iċ-ċittadini qed isiru dejjem aktar esposti għal inċidenti ċibernetiċi serji. Is-sigurtà futura tiddependi, fost l-oħrajn, fuq it-titjib tal-abbiltà teknoloġika u industrijali ***li*** l-Unjoni tiġi protetta minn theddid ċibernetiku, minħabba li kemm il-kapaċitajiet tal-infrastruttura ċivili kif ukoll dawk militari jiddependu fuq sistemi diġitali siguri.	(1) Il-ħajjiet tagħna ta' kuljum u l-ekonomiji qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq it-teknoloġiji diġitali, iċ-ċittadini qed isiru dejjem aktar esposti għal inċidenti ċibernetiċi serji. Is-sigurtà futura tiddependi, fost l-oħrajn, fuq it-titjib tal-abbiltà teknoloġika u industrijali ***f'termini ta' persuni, proċessi u teknoloġija biex*** l-Unjoni tiġi protetta minn theddid ċibernetiku ***li dejjem qed jevolvi***, minħabba li kemm il-kapaċitajiet tal-infrastruttura ċivili kif ukoll dawk militari jiddependu fuq sistemi diġitali siguri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-teknoloġiji u t-theddid li dejjem qed jevolvu jirrikjedu approċċ olistiku għaċ-ċibersigurtà, li jiffoka fuq il-persuni, il-proċessi u t-teknoloġija, sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun ippreparata.

Emenda 115
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Iċ-ċiberkriminalità hija theddida għall-Unjoni, iċ-ċittadini tagħha u l-ekonomija tagħha li qed tikber b'rata mgħaġġla. Fl-2017, 80 % tal-kumpaniji Ewropej esperjenzaw mill-anqas inċident wieħed ta' ċibersigurtà. L-attakk ta' Wannacry f'Mejju 2017 affettwa aktar minn 150 pajjiż u 230 000 sistema tal-IT u kellu impatti sinifikanti fuq infrastrutturi kritiċi bħal sptarijiet. Dan jissottolinja l-

ħtieġa għall-oqħla standards ta' ċibersigurtà u soluzzjonijiet olistiċi taċ-ċibersigurtà, li jinvolvu lill-persuni, il-proċessi u t-teknoloġija fl-Unjoni, kif ukoll għal tmexxija Ewropea f'din il-kwistjoni, u għall-awtonomija diġitali.

Or. en

Emenda 116
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-protezzjoni ta' infrastrutturi u netwerks rilevanti għall-ambjent, bħal infrastrutturi nukleari.

Or. en

Emenda 117
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-għan "Industrija, innovazzjoni u infrastruttura".

Or. en

Emenda 118
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Sabiex jitrawmu l-kompetittività Ewropea u l-oġħla standards taċ-ċibersigurtà fuq livell internazzjonali, jenħtieġ li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jfittxu l-iskambju dwar is-soluzzjonijiet, il-prodotti u l-istandards taċ-ċibersigurtà mal-komunità internazzjonali.

Or. en

Emenda 119
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Disturb sostanzjali fis-sistemi tan-netwerk u tal-informazzjoni jista' jaffettwa lil Stati Membri individwali u lill-Unjoni kollha. Għalhekk ***is-sigurtà*** tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni ***hija*** essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Bħalissa, l-Unjoni tiddependi fuq fornituri taċ-ċibersigurtà minn barra l-UE. Madankollu, huwa fl-interess strateġiku tal-Unjoni li hija żżomm u tiżviluppa kapaċitajiet teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà essenzjali sabiex tiżgura ***s-Suq Uniku Diġitali tagħha, u b'mod partikolari sabiex tipproteġi*** s-sistemi kritiċi tan-netwerks u tal-informazzjoni u sabiex tipprovdi servizzi taċ-ċibersigurtà prinċipali.	(5) Disturb sostanzjali fis-sistemi tan-netwerk u tal-informazzjoni jista' jaffettwa lil Stati Membri individwali u lill-Unjoni kollha. Għalhekk ***l-oġħla livell ta' sigurtà*** tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni ***madwar l-Unjoni huwa*** essenzjali għall-funzjonament tajjeb ***tas-soċjetà u tal-ekonomija, jiġifieri*** tas-suq intern. Bħalissa, l-Unjoni tiddependi fuq fornituri taċ-ċibersigurtà minn barra l-UE. Madankollu, huwa fl-interess strateġiku tal-Unjoni li hija żżomm u tiżviluppa kapaċitajiet teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà essenzjali sabiex tiżgura ***l-protezzjoni tad-data u*** s-sistemi kritiċi tan-netwerks u tal-informazzjoni ***taċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej, inklużi infrastrutturi kritiċi għall-funzjonament tas-soċjetà, bħas-sistemi tat-trasport, is-sistemi bankarji u tas-saħħa, u s-Suq Uniku Diġitali*** u sabiex tipprovdi servizzi taċ-ċibersigurtà

prinċipali.

Or. en

Emenda 120
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Fl-Unjoni wieħed isib minjiera ta' għarfien espert u esperjenza fil-qasam tar-riċerka, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà, iżda l-isforzi tal-komunitajiet industrijali u ta' riċerka huma frammentati u neqsin mill-allinjament u minn missjoni komuni; affarijiet li jxekklu l-kompetittività f'dan il-qasam. Dawn l-isforzi u l-għarfien espert jeħtieġ li jiġu miġburin, imqiegħdin f'netwerk u użati b'mod effiċjenti sabiex isaħħu u jikkumplimentaw il-kapaċitajiet eżistenti tar-riċerka, it-teknoloġija u l-industrija fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali.	(6) Fl-Unjoni wieħed isib minjiera ta' għarfien espert u esperjenza fil-qasam tar-riċerka, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà, iżda l-isforzi tal-komunitajiet industrijali u ta' riċerka huma frammentati u neqsin mill-allinjament u minn missjoni komuni; affarijiet li jxekklu l-kompetittività ***u l-protezzjoni effettiva tad-data, in-netwerks u s-sistemi kritiċi*** f'dan il-qasam. Dawn l-isforzi u l-għarfien espert jeħtieġ li jiġu miġburin, imqiegħdin f'netwerk u użati b'mod effiċjenti sabiex isaħħu u jikkumplimentaw il-kapaċitajiet eżistenti tar-riċerka, it-teknoloġija***, il-ħiliet*** u l-industrija fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali.

Or. en

Emenda 121
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-SMEs huma atturi kruċjali fis-settur Ewropew taċ-ċibersigurtà li jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet teknoloġikament avvanzati minħabba l-aġilità tagħhom. Madankollu, l-SMEs li mhumiex speċjalizzati fiċ-ċibersigurtà huma

suxxettibbli wkoll li jkunu aktar vulnerabbli għal inċidenti ċibernetiċi minħabba rekwiżiti għoljin ta' investiment u għarfien biex jiġu stabbiliti soluzzjonijiet effettivi taċ-ċibersigurtà. Għalhekk, jeħtieġ li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jipprovdu appoġġ speċjali lill-SMEs billi jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-għarfien u t-taħriġ sabiex dawn ikunu jistgħu jżidu s-sigurtà tagħhom b'mod suffiċjenti u jippermettu lil dawk li huma attivi fiċ-ċibersigurtà jikkontribwixxu għat-tmexxija Ewropea fil-qasam.

Or. en

Emenda 122
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa ***u*** Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.	(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex ***tiġi żviluppata t-tmexxija Ewropea fiċ-ċibersigurtà,*** jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali***, jiġu appoġġjati l-SMEs fil-ġbir ta' għarfien espert fiċ-ċibersigurtà*** u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa***,*** Ewropa Diġitali ***u mill-Fond Ewropew għad-Difiża għal azzjonijiet relatati mad-difiża***, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-

innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Or. en

Emenda 123
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċinersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.	(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija***, b'mod partikolari t-teknoloġiji tal-kwantum,*** u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċinersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Or. de

Emenda 124
Clare Moody

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.	(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew***, il-Fond Ewropew għad-Difiża*** u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.
	Or. en

Emenda 125
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) It-tisħiħ ta' applikazzjoni b'użu doppju tat-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà għal skopijiet ta' ċibersigurtà huwa mingħajr preġudizzju għan-natura ċivili ta' dan ir-Regolament u għalhekk jenħtieġ li jirrifletti l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri f'każijiet meta tiġi segwita politika fil-qasam taċ-ċibersigurtà minn awtoritajiet ċivili-militari jew militari, u jiżgura l-komplementarjetà iżda mhux it-trikkib mal-istrumenti ta' finanzjament relatati mad-difiża ċibernetika.
	Or. en

Emenda 126
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Meta jitqies li l-għanijiet ta' din l-inizjattiva jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod jekk l-Istati Membri kollha jew kemm-il Stat Membru possibbli ***jipparteċipaw***, u bħala inċentiv għall-Istati Membri sabiex jipparteċipaw, jenħtieġ li biss l-Istati Membri li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza jkollhom id-drittijiet tal-vot.	(9) Meta jitqies li l-għanijiet ta' din l-inizjattiva jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod jekk l-Istati Membri kollha jew kemm-il Stat Membru possibbli ***jikkontribwixxu***, u bħala inċentiv għall-Istati Membri sabiex jipparteċipaw, jenħtieġ li biss l-Istati Membri li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza jkollhom id-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 127
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jintgħażlu mill-Istati Membri. Barra mill-kapaċità amministrattiva neċessarja, iċ-Ċentri jenħtieġ li jkollhom jew ikollhom aċċess dirett għal għarfien espert teknoloġiku fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari f'oqsma bħall-kriptografija, is-servizzi ta' sigurtà tal-ICT, is-sejbien ta' intrużjoni, is-sigurtà tas-sistemi, is-sigurtà tan-netwerks, is-sigurtà tas-softwer u l-applikazzjonijiet jew l-aspetti umani ***jew*** soċjetali tas-sigurtà u l-privatezza. Jenħtieġ ukoll li jkollhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw mal-industrija, is-settur pubbliku, inkluż l-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva	(12) Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jintgħażlu mill-Istati Membri ***u jiġu approvati miċ-Ċentru ta' Kompetenza***. Barra mill-kapaċità amministrattiva neċessarja, iċ-Ċentri jenħtieġ li jkollhom jew ikollhom aċċess dirett għal għarfien espert teknoloġiku fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari f'oqsma bħall-kriptografija, is-servizzi ta' sigurtà tal-ICT, is-sejbien ta' intrużjoni, is-sigurtà tas-sistemi, is-sigurtà tan-netwerks, is-sigurtà tas-softwer u l-applikazzjonijiet jew l-aspetti umani**,** soċjetali ***u ambjentali*** tas-sigurtà u l-privatezza. Jenħtieġ ukoll li jkollhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw mal-industrija, is-settur

(UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], u l-komunità tar-riċerka.

pubbliku, inkluż l-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], u l-komunità tar-riċerka ***sabiex jiġi stabbilit djalogu pubbliku-privat kontinwu dwar iċ-ċibersigurtà***.

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 128
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jintgħażlu mill-Istati Membri. Barra mill-kapaċità amministrattiva neċessarja, iċ-Ċentri jenħtieġ li jkollhom jew ikollhom aċċess dirett għal għarfien espert teknoloġiku fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari f'oqsma bħall-kriptografija, is-servizzi ta' sigurtà tal-ICT, is-sejbien ta' intrużjoni, is-sigurtà tas-sistemi, is-sigurtà tan-netwerks, is-sigurtà tas-softwer u l-applikazzjonijiet jew l-aspetti umani jew soċjetali tas-sigurtà u l-privatezza. Jenħtieġ ukoll li jkollhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw mal-industrija, is-settur pubbliku, inkluż l-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], u l-komunità tar-riċerka.	(12) Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jintgħażlu mill-Istati Membri. Barra mill-kapaċità amministrattiva neċessarja, iċ-Ċentri jenħtieġ li jkollhom jew ikollhom aċċess dirett għal għarfien espert teknoloġiku fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari f'oqsma bħall-kriptografija, is-servizzi ta' sigurtà tal-ICT, is-sejbien ta' intrużjoni, is-sigurtà tas-sistemi, is-sigurtà tan-netwerks, is-sigurtà tas-softwer u l-applikazzjonijiet jew l-aspetti umani jew soċjetali tas-sigurtà u l-privatezza. Jenħtieġ ukoll li jkollhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw mal-industrija, ***inklużi l-SMEs,*** is-settur pubbliku, inkluż l-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], u l-komunità tar-riċerka.

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 15.4.2010, p. 1).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 15.4.2010, p. 1).
	Or. de

Emenda 129
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet***. Jeżistu sfidi oħra fil-forma ta' preġudizzju algoritmiku, b'mod partikolari fil-midja soċjali***. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar prodotti u proċessi taċ-ċibersigurtà reċenti ***u jassistu bl-attribuzzjoni tal-attakki ċibernetiċi, meta dawn iseħħu***. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.
	Or. en

Emenda 130
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza ***u n-Netwerk*** jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet ***u riċerka*** taċ-ċibersigurtà reċenti ***biex jitnaqqas id-distakk tal-wied tal-mewt tal-innovazzjoni fir-rigward tat-teknoloġiji u s-servizzi taċ-ċibersigurtà***. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza***, in-Netwerk u l-Komunita ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà*** jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.

Or. en

Emenda 131
Jaromír Kohlíček

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar prodotti u proċessi taċ-ċibersigurtà reċenti***, b'mod partikolari dawk li jgħinu lill-organizzazzjonijiet ikunu fi stat kostanti ta' bini tal-kapaċità, reżiljenza u governanza xierqa***. . Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minflok ma jiffukaw biss fuq il-prodotti taċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandhom jgħinu biex javvanzaw soluzzjonijiet "li jistgħu jevolvu" li jiffukaw fuq il-kapaċitajiet ibbażati fuq ir-riskju biex tinbena r-reżiljenza ċibernetika għal organizzazzjonijiet sħaħ u biex dawn jiżdiedu madwar l-UE.

Emenda 132
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom ***fosthom is-serq tal-proprjetà intellettwali u l-ispjunaġġ industrijali li jsir b'mezzi kompjuterizzati***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Is-serq tal-proprjetà intellettwali u l-ispjunaġġ industrijali li jsir permezz ta' mezzi kompjuterizzati huma żewġ reati li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-industrija Ewropea.

Emenda 133
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-

Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk***, il-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali*** u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.
	Or. en

Emenda 134
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-	(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-

kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.	kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti***, inklużi dawk b'użu doppju***. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.

Or. en

Emenda 135
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Minħabba n-natura li tinbidel malajr tal-attakki ċibernetiċi u taċ-ċibersigurtà, l-Unjoni jeħtieġ li tkun tista' tadatta malajr u b'mod kontinwu għall-iżviluppi l-ġodda fil-qasam. Għalhekk, jenħtieġ li ċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jkunu biżżejjed flessibbli biex jiżguraw ir-reattività meħtieġa. Dawn jenħtieġ li jiffaċilitaw soluzzjonijiet li jgħinu lill-entitajiet biex dejjem ikunu jistgħu jibnu l-kapaċità u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 136
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14b) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu l-objettivi li jistabbilixxi tmexxija Ewropea u għarfien espert fiċ-ċibersigurtà, u permezz ta' dan jiżgura l-ogħla standards ta' sigurtà fl-Unjoni, jiżgura l-protezzjoni tad-data, is-sistemi tal-informazzjoni, in-netwerks u l-infrastrutturi kritiċi fl-Unjoni, joħloq impjiegi ta' kwalità għolja fil-qasam, jipprevjeni l-eżodu ta' mħuħ mill-esperti Ewropej taċ-ċibersigurtà għall-pajjiżi terzi, u jżid il-valur Ewropew għall-miżuri nazzjonali taċ-ċibersigurtà li diġà jeżistu.

Or. en

Emenda 137
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li	(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u ***jiġbor, jaqsam u*** jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà***, u għall-infrastruttura taċ-ċibersigurtà***. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti

jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.	kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt***, l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni f'konformità mal-Programm Ewropa Diġitali biex iċ-ċittadini u n-negozji jegħlbu d-diskrepanza fil-ħiliet*** mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija. ***Dan jenħtieġ li jagħti attenzjoni speċjali għall-abilitazzjoni tal-SMEs fil-qasam taċ-ċibersigurtà.***
	Or. en

Emenda 138
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà ***u*** jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.	(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà ***billi*** jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ***u jħejji kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati b'mod partikolari lejn l-SMEs***. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.
	Or. it

Ġustifikazzjoni

L-SMEs, li jiffurmaw il-maġġoranza vasta tal-industrija Ewropea, jiffaċċjaw dewmien li għandu jiġi rkuprat l-ewwel nett mill-iżvilupp tal-għarfien tal-importanza taċ-ċibersigurtà.

Emenda 139
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, ***tipikament*** wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.	(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, ***b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji tal-kwantum,*** wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.

Or. de

Emenda 140
Clare Moody

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ	(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ

li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali ***u*** Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.	li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali***,*** Orizzont Ewropa ***u l-Fond Ewropew għad-Difiża*** billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.

Or. en

Emenda 141
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jistimola u jappoġġja l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, li jkunu jinvolvu grupp ta' atturi kbir, miftuħ u divers involuti fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà. Il-Komunità jenħtieġ li tinkludi b'mod partikolari entitajiet ta' riċerka, industriji min-naħa tal-provvista***,*** ***industriji*** min-naħa tad-domanda u s-settur pubbliku. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li tipprovdi input għall-attivitajiet u l-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jenħtieġ li tibbenefika wkoll mill-attivitajiet ta' bini tal-komunità taċ-Ċentru ta' Kompetenza u	(16) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jistimola u jappoġġja l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ***strateġika fit-tul*** tal-attivitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, li jkunu jinvolvu grupp ta' atturi ***Ewropej*** kbir, miftuħ***,*** ***interdixxiplinari*** u divers involuti fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà. Il-Komunità jenħtieġ li tinkludi b'mod partikolari entitajiet ta' riċerka, industriji min-naħa tal-provvista ***u*** min-naħa tad-domanda***, inklużi l-SMEs,*** u s-settur pubbliku. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li tipprovdi input għall-attivitajiet u l-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jenħtieġ li tibbenefika wkoll mill-

tan-Netwerk, iżda min-naħa l-oħra, jenħtieġ li ma tkunx privileġġjata fir-rigward ta' sejħiet għall-proposti jew sejħiet għal tender.	attivitajiet ta' bini tal-komunità taċ-Ċentru ta' Kompetenza u tan-Netwerk, iżda min-naħa l-oħra, jenħtieġ li ma tkunx privileġġjata fir-rigward ta' sejħiet għall-proposti jew sejħiet għal tender.

Or. en

Emenda 142
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jipprovdi l-appoġġ xieraq għall-ENISA fil-kompiti tagħha ddefiniti mid-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (id-"Direttiva NIS") u r-Regolament (UE) 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' YYY dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà"). Għalhekk, l-ENISA jenħtieġ li tipprovdi inputs rilevanti liċ-Ċentru ta' Kompetenza fil-kompitu tagħha tad-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' finanzjament.

Or. en

Emenda 143
Jaromír Kohlíček

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.	(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà. ***B'mod partikolari, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet dinamiċi fil-livell tal-intrapriżi li jkunu ffukati fuq il-bini tal-kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet sħaħ, inklużi l-persuni, il-proċessi u t-teknoloġija, sabiex jipproteġi lill-organizzazzjonijiet b'mod effettiv kontra theddid ċibernetiku li dejjem qed jinbidel.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-teknoloġiji u t-theddid li dejjem qed jevolvu jirrikjedu approċċ olistiku għaċ-ċibersigurtà, li jiffoka fuq il-persuni, il-proċessi u t-teknoloġija, sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun ippreparata biex tindirizza dan it-theddid.

Emenda 144
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-	(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet ***tas-settur pubbliku u*** tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà ***lis-settur pubbliku u*** lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-

soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.	prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 145
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.	(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti***, għall-proċessi*** kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-proċessi mal-prodotti u s-servizzi

Emenda 146
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-	(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-

ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.	ċibersigurtà lill-industriji***, inklużi l-SMEs,*** jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.

Or. de

Emenda 147
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li jistinkaw sabiex jiksbu sinerġiji bejn l-isferi taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża, il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa], li jistipula li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqin bħala parti minn Orizzont Ewropa għandhom jiffukaw fuq applikazzjonijiet ċivili.	(18) Filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li jistinkaw sabiex jiksbu sinerġiji bejn l-isferi taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża ***f'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni kif stabbilit mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti***, il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa], li jistipula li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqin bħala parti minn Orizzont Ewropa għandhom jiffukaw ***b'mod esklużiv*** fuq applikazzjonijiet ċivili. ***Għalhekk, l-atturi li jsaħħu tali sinerġiji għandhom ikunu kofinanzjati permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża.***

Or. en

Emenda 148
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li jistinkaw sabiex jiksbu sinerġiji bejn l-isferi taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża, il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa], li jistipula li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqin bħala parti minn Orizzont Ewropa għandhom jiffukaw fuq applikazzjonijiet ċivili.	(18) Filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li jistinkaw sabiex jiksbu sinerġiji ***u koordinazzjoni*** bejn l-isferi taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża, il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa], li jistipula li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqin bħala parti minn Orizzont Ewropa għandhom jiffukaw fuq applikazzjonijiet ċivili.

Or. en

Emenda 149
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi żgurata kollaborazzjoni strutturata u sostenibbli, ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali.	(19) Sabiex tiġi żgurata kollaborazzjoni strutturata u sostenibbli, ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ***li jenħtieġ li jkun armonizzat fuq livell Ewropew***.

Or. en

Emenda 150
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiġu ggarantiti r-responsabbiltà u t-trasparenza taċ-Ċentru	(20) Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiġu ggarantiti r-responsabbiltà u t-trasparenza taċ-Ċentru

ta' Kompetenza.	ta' Kompetenza ***u dawk l-impriżi li jingħataw finanzjament***.

Or. en

Emenda 151
Paul Rübig, Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' skjerament, b'mod partikolari dawk relatati ma' infrastrutturi u kapaċitajiet implimentati fil-livell Ewropew jew fl-akkwist konġunt, tista' tinqasam f'fażijiet differenti ta' implimentazzjoni, bħal offerti separati għall-arkitettura ta' ħardwer jew softwer, il-produzzjoni tagħhom u t-tħaddim u l-manutenzjoni tagħhom, billi kull kumpanija tista' tipparteċipa biss f'waħda mill-fażijiet u l-benefiċjarji li jkunu qegħdin f'waħda jew aktar minn dawk il-fażijiet ikunu meħtieġa li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet f'termini ta' sjieda jew kontroll Ewropej.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Offerti separati għall-arkitettura tal-ħardwer u tas-softwer, il-produzzjoni tagħhom u t-tħaddim u l-manutenzjoni tagħhom itejbu bil-qawwi t-trasparenza u s-sigurtà.

Emenda 152
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20a) Fir-rigward tal-aġenzija taċ-ċibersigurtà ENISA diġà eżistenti, jenħtieġ li ċ-ċentru ta' kompetenza jimmira lejn l-akbar sinerġiji possibbli mal-ENISA.

Or. de

Emenda 153
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fid-dawl tal-għarfien espert rispettiv tagħhom, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropa tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jenħtieġ li jkollhom parti attiva fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	(21) Fid-dawl tal-għarfien espert rispettiv tagħhom, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropa tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jenħtieġ li jkollhom parti attiva fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***sabiex is-sinerġiji jiġu promossi u żviluppati b'mod immirat***.

Or. de

Emenda 154
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fid-dawl tal-għarfien espert rispettiv tagħhom, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropa tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jenħtieġ li jkollhom parti attiva fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	(21) Fid-dawl tal-għarfien espert rispettiv tagħhom, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropa tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jenħtieġ li jkollhom parti attiva fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***billi***

jiżguraw sinerġiji.

Or. en

Emenda 155
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat l-aktar stabbiliment effiċjenti tal-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk, u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jaġixxu b'mod koerenti, konsistenti u komplementarju mal-ENISA, l-"Att dwar iċ-Ċibersigurtà" (COM(2017)0477) u l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, filwaqt li jitqies li l-ENISA jenħtieġ li tkompli tissodisfa l-objettivi strateġiċi tagħha speċjalment fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni fiċ-ċibersigurtà, kif iddefinit fl-"Att dwar iċ-Ċibersigurtà", filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jaġixxi bħala korp operazzjonali fiċ-ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 156
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Il-kofinanzjament ta' Stat Membru għall-FSIE jew għal kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni minbarra l-programm Orizzont Ewropa jew Ewropa

Diġitali jista' jitqies bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Istat Membru għaċ-Ċentru ta' Kompetenza, sakemm tali finanzjament ikun allokat għal attivitajiet fi ħdan il-mandat tal-missjonijiet u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istess approċċ bħal fir-Regolament dwar il-EuroHPC, IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1488.

Emenda 157
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Premessa24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, kompost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jiżgura li dan iwettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġi fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jirriflettu l-prijoritajiet fil-kisba tal-objettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi fuq it-tmiem ta' dak il-mandat.	(24) Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, kompost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jiżgura li dan iwettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġi fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jirriflettu l-prijoritajiet fil-kisba tal-objettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi fuq it-tmiem ta' dak il-mandat. ***Sabiex tibbenefika mis-sinerġiji, l-ENISA jenħtieġ li tkun osservatur permanenti fil-Bord ta' Tmexxija u tikkontribwixxi għax-xogħol***

taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluż billi tiġi kkonsultata dwar il-pjan strateġiku pluriennali u dwar il-pjan ta' ħidma u dwar il-lista ta' azzjonijiet magħżula għal finanzjament.

Or. en

Emenda 158
Pavel Telička

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, kompost ***mill-Istati*** Membri ***u l-Kummissjoni***, jenħtieġ li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jiżgura li dan iwettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġi fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jirriflettu l-prijoritajiet fil-kisba tal-objettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi fuq it-tmiem ta' dak il-mandat.	(24) Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, kompost ***minn rappreżentanti tal-Istati*** Membri***, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)***, jenħtieġ li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jiżgura li dan iwettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġi fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jirriflettu l-prijoritajiet fil-kisba tal-objettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi fuq it-tmiem ta' dak il-mandat.

Or. en

Emenda 159

Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex iċ-Ċentru ta' Kompetenza jiffunzjona b'mod korrett u effikaċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li jinħatru membri fil-Bord ta' Tmexxija jkollhom l-għarfien u l-esperjenza professjonali xierqa f'oqsma funzjonali. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata tas-sostituzzjoni tar-Rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tiegħu.	(25) Sabiex iċ-Ċentru ta' Kompetenza jiffunzjona b'mod korrett u effikaċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li jinħatru membri fil-Bord ta' Tmexxija jkollhom l-għarfien u l-esperjenza professjonali xierqa f'oqsma funzjonali ***u li jiġi żgurat bilanċ bejn is-sessi***. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata tas-sostituzzjoni tar-Rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tiegħu.

Or. en

Emenda 160
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex iċ-Ċentru ta' Kompetenza jiffunzjona b'mod korrett u effikaċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li jinħatru membri fil-Bord ta' Tmexxija jkollhom l-għarfien u l-esperjenza professjonali xierqa f'oqsma funzjonali. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata tas-sostituzzjoni tar-Rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tiegħu.	(25) Sabiex iċ-Ċentru ta' Kompetenza jiffunzjona b'mod korrett u effikaċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li jinħatru membri fil-Bord ta' Tmexxija jkollhom l-għarfien u l-esperjenza professjonali xierqa f'oqsma funzjonali ***u jkunu bbilanċjati bejn is-sessi***. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata tas-sostituzzjoni tar-Rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tiegħu.

Or. en

Emenda 161
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Il-piż tal-vot tal-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jkun konformi mal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għaċ-Ċentru ta' Kompetenza, skont ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura ġestjoni xierqa tal-baġit tal-Unjoni fl-interess tal-Unjoni, kif stabbilit fit-Trattati.

Or. en

Emenda 162
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Premessa26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-funzjonament bla xkiel taċ-Ċentru ta' Kompetenza jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv tiegħu jinħatar fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u esperjenza rilevanti għaċ-ċibersigurtà u d-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv jitwettqu b'indipendenza sħiħa.	(26) Il-funzjonament bla xkiel taċ-Ċentru ta' Kompetenza jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv tiegħu jinħatar ***b'mod trasparenti*** fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u esperjenza rilevanti għaċ-ċibersigurtà u d-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv jitwettqu b'indipendenza sħiħa.

Or. en

Emenda 163
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku bħala korp konsultattiv, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati u jġibhom għall-attenzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku u l-kompiti assenjati lilu, bħal pereżempju li jiġu kkonsultat fir-rigward tal-pjan ta' ħidma, jenħtieġ li tiżgura rappreżentazzjoni xierqa ***tal-partijiet*** ikkonċernati fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza.	(27) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku bħala korp konsultattiv, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat ***u pubbliku, inklużi l-SMEs***, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra ***mill-partijiet kollha tal-Unjoni***. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati u jġibhom għall-attenzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku u l-kompiti assenjati lilu, bħal pereżempju li jiġu kkonsultat fir-rigward tal-pjan ta' ħidma, jenħtieġ li tiżgura rappreżentazzjoni xierqa ***tal-gruppi ta' partijiet*** ikkonċernati ***msemmija hawn fuq*** fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Or. en

Emenda 164
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku bħala korp konsultattiv, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati u jġibhom għall-	(27) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku bħala korp konsultattiv, biex jiżgura djalogu regolari ***u trasparenti biżżejjed*** bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati u

attenzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku u l-kompiti assenjati lilu, bħal pereżempju li jiġu kkonsultat fir-rigward tal-pjan ta' ħidma, jenħtieġ li tiżgura rappreżentazzjoni xierqa tal-partijiet ikkonċernati fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza.	jġibhom għall-attenzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku u l-kompiti assenjati lilu, bħal pereżempju li jiġu kkonsultat fir-rigward tal-pjan ta' ħidma, jenħtieġ li tiżgura rappreżentazzjoni xierqa tal-partijiet ikkonċernati fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Or. en

Emenda 165
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li ***jibbenefika*** mill-għarfien espert partikolari u r-rappreżentazzjoni wiesgħa u rilevanti tal-partijiet ikkonċernati mibnija permezz ta' sħubija pubblika-privata kuntrattwali fir-rigward taċ-ċibersigurtà tul it-terminu ta' Orizzont 2020, permezz tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku tiegħu.	(28) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza ***u l-attivitajiet tiegħu*** jenħtieġ li ***jibbenefikaw*** mill-għarfien espert partikolari u r-rappreżentazzjoni wiesgħa u rilevanti tal-partijiet ikkonċernati mibnija permezz ta' sħubija pubblika-privata kuntrattwali fir-rigward taċ-ċibersigurtà tul it-terminu ta' Orizzont 2020, ***u l-proġetti pilota skont Orizzont 2020 dwar in-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà,*** permezz tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku tiegħu. ***Iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku, jekk ikun xieraq, jenħtieġ li jqisu repliki tal-istrutturi eżistenti, pereżempju bħala gruppi ta' ħidma.***

Or. en

Emenda 166
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni meta jkun previst minn dan ir-Regolament. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 167
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) ***Minħabba li*** l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***ż-żamma*** u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, iż-żieda tal-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-użu taċ-ċibersigurtà bħala vantaġġ kompetittiv ta' industriji tal-Unjoni oħrajn, ma jistgħux jintlaħqu b'mod xieraq mill-Istati Membri minħabba l-fatt li riżorsi eżistenti u limitati huma mifruxin, kif ukoll minħabba l-kobor tal-investiment neċessarju, iżda jistgħu minħabba l-evitar ta' duplikazzjoni mhix neċessarja ta' dawn l-isforzi, l-għajnuna sabiex tintlaħaq massa kritika ta' investiment u l-iżgurar li l-finanzjament pubbliku jintuża bl-aħjar mod jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif inhu stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.	(34) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ***l-iżvilupp tat-tmexxija Ewropea fiċ-ċibersigurtà permezz taż-żamma*** u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, iż-żieda tal-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-użu taċ-ċibersigurtà bħala vantaġġ kompetittiv ta' industriji tal-Unjoni oħrajn, ma jistgħux jintlaħqu b'mod xieraq mill-Istati Membri minħabba l-fatt li riżorsi eżistenti u limitati huma mifruxin, kif ukoll minħabba l-kobor tal-investiment neċessarju, iżda jistgħu minħabba l-evitar ta' duplikazzjoni mhix neċessarja ta' dawn l-isforzi, l-għajnuna sabiex tintlaħaq massa kritika ta' investiment u l-iżgurar li l-finanzjament pubbliku jintuża bl-aħjar mod jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni***. Barra minn hekk, l-azzjonijiet fil-livell Ewropew biss jistgħu jiżguraw l-ogħla livell ta' ċibersigurtà fl-Istati Membri kollha u b'hekk jeliminaw in-nuqqasijiet fis-sigurtà li jeżistu f'xi Stati Membri li joħolqu nuqqasijiet fis-sigurtà għall-***

Unjoni sħiħa. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif inhu stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

Or. en

Emenda 168
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu ***u*** tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku].	2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu**,** tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku]***, u tal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit bir-Regolament (UE) Nru XXX għal azzjonijiet relatati mad-difiża***.

Or. en

Emenda 169
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu ***jkun fi [Brussell, il-Belġju.]***	(3) Is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu ***jkollu l-infrastruttura meħtieġa magħżula minn qabel u għandu jikkonforma mal-prinċipju federali***.

Or. de

Emenda 170
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun ***fi [Brussell, il-Belġju.]***	3. Is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun ***iddeterminat permezz ta' proċedura tal-offerti, li tqis:***

Or. en

Emenda 171
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) l-aċċessibbiltà u d-durata tal-ivvjaġġar mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 172
Paul Rübig

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) il-kompetenza tal-Istat Membru applikant f'termini ta' politika Ewropea ta' sigurtà soda;

Or. en

Emenda 173
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza ***għandu jkollu*** personalità ġuridika. ***F'kull Stat Membri,*** dan għandu ***jgawdi mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru. Huwa jista', b'mod partikolari, jakkwista proprjetà mobbli u immobbli u jista' jkun parti fi proċedimenti legali***.	4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza ***ma għandux ikollu*** personalità ġuridika. Dan għandu ***jkun Task Force stabbilita mill-Kummissjoni, inkluż bil-provvista ta' persunal xieraq għall-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif stabbilit minn dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 174
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "ċibersigurtà" tfisser ***il-protezzjoni tan-netwerks*** u ***tas-sistemi*** tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u persuni ***oħra kontra t-theddid*** ċibernetiku;	(1) "ċibersigurtà" tfisser ***l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiġu protetti n-netwerks*** u ***s-sistemi*** tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u persuni ***milquta minn*** theddid ċibernetiku;

Or. en

Emenda 175
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "Ċibersigurtà" tfisser ***il-protezzjoni*** tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u persuni oħra kontra t-theddid ċibernetiku;	(1) "Ċibersigurtà" tfisser ***proċess ta' protezzjoni*** tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u persuni oħra kontra t-theddid ċibernetiku;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni hija proċess mhux azzjoni wieħed

Emenda 176
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà" tfisser prodotti, servizzi jew proċessi tal-ICT bil-għan speċifiku li jipproteġu lin-netwerks u lis-sistemi tal-informazzjoni, lill-utenti tagħhom u lil persuni milqutin mit-theddid ċibernetiku;	(2) "prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà" tfisser prodotti, servizzi jew proċessi tal-ICT bil-għan speċifiku li jipproteġu ***lid-data,*** lin-netwerks u lis-sistemi tal-informazzjoni, lill-utenti tagħhom u lil persuni milqutin mit-theddid ċibernetiku;

Or. en

Emenda 177
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "theddida ċibernetika" tfisser kwalunkwe ċirkostanza, avveniment jew azzjoni potenzjali li tista' tkun ta' ħsara għal, tfixkel jew b'xi mod ieħor ikollha impatt negattiv fuq in-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u l-persuni milquta;

Or. en

Emenda 178
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li b'mod volontarju jikkontribwixxi finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed Regulation would preclude that Member States who do not financially contribute to the Competence Centre would be deprived from voting rights. This would mean that some Member States would be forced to implement requirements developed by only a fraction of Member States. Such a governance structure could be perceived as discriminatory as the EU budget, which will finance the activities carried out by the Competence Centre, is predominantly shaped by national contributions (68.73%). All Member States should have authority to shape funding, procurement, research and development decisions across the EU and they should all have equal oversight responsibilities and voting rights on the Governing Board. This is particularly important given that technology development and government grant life cycles take several years. Granting all Member States with equal voting rights also will fall in the continuity of the EU acquis on cybersecurity which has strived to deepen the cooperation between Member States and closer the gap with regards their cybersecurity capabilities.

Emenda 179

Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "Stat Membru ***parteċipanti***" tfisser Stat Membru li b'mod volontarju jikkontribwixxi finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.	(4) "Stat Membru ***kontribwenti***" tfisser Stat Membru li b'mod volontarju jikkontribwixxi finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza ***u jgawdi d-dritt tal-vot fi ħdan il-Bord ta' Tmexxija***. ***(L-emenda ta' "parteċipanti" għal "kontribwenti" tapplika tul it-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)***

Or. en

Emenda 180
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali" tfisser organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ stabbiliti mir-[Regolament 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali] li jaġixxu bħala punt uniku ta' kuntatt għall-industrija, inklużi l-SMEs, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u l-akkademji sabiex tiġi stimolata l-adozzjoni wiesgħa tat-teknoloġiji diġitali u jingħata appoġġ fil-qasam tal-ħiliet diġitali avvanzati.

Or. en

Emenda 181
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iżżomm u tiżviluppa l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà neċessarji sabiex tassigura s-Suq Uniku Diġitali tagħha;	(a) iżżomm u tiżviluppa l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà ***u l-għarfien espert*** neċessarji sabiex tassigura ***u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-data taċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej, l-infrastrutturi kritiċi għall-funzjonament tas-soċjetà bħas-sistemi tat-trasport, is-sistemi bankarji u tas-saħħa u*** s-Suq Uniku Diġitali tagħha;

Or. en

Emenda 182
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tiżviluppa t-tmexxija Ewropea fiċ-ċibersigurtà u tiżgura l-ogħla standards taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni billi ssaħħaħ l-awtonomija Diġitali tagħha;

Or. en

Emenda 183
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) issaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji fid-dinja diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Istrateġija tas-Suq Uniku

Diġitali;

Or. en

Emenda 184
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) iżżid l-użu ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà żviluppati fi ħdan l-Unjoni;

Or. en

Emenda 185
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bd) iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet fiċ-ċibersigurtà fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 186
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq il-kompiti tiegħu, fejn ikun xieraq, f'kollaborazzjoni man-Netwerk ta' Ċentri	2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq il-kompiti tiegħu, fejn ikun xieraq, f'kollaborazzjoni man-Netwerk ta' Ċentri

Nazzjonali ta' Koordinazzjoni ***u Komunità*** ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	Nazzjonali ta' Koordinazzjoni***, il-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Komunità*** ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 187
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Koerenza, konsistenza u komplementarjetà
	Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu żgurati l-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetà mal-"Att dwar iċ-Ċibersigurtà" (COM(2017)0477), l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, il-korpi u l-istituzzjonijiet Ewropej kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, Programmi rilevanti oħra ta' azzjoni tal-Unjoni u l-poltiki rilevanti tal-Unjoni. Duplikazzjonijiet mhux meħtieġa għandhom jiġu evitati.

Or. en

Emenda 188
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. li ***jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk*** taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali	1. li ***joħloq u jimmaniġġja n-Netwerk*** taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 6 u

("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 6 u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 8;

jikkoordina x-xogħol tiegħu mal-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ***("il-Komunità")*** msemmija fl-Artikolu 8;

Or. en

Emenda 189
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 6 u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 8;	1. li jiffaċilita ***l-ħolqien fejn meħtieġ*** u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 6 u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 8;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Mhux l-Istati Membri kollha għandhom Ċentri adattati biex jintgħażlu bħala ċentri ta' koordinazzjoni nazzjonali.

Emenda 190
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod	2. li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod

partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku] u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni***]***;	partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku] ***u tal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit mir-Regolament (UE) Nru XXX*** u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni***]***;.
[26] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]	[26] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]
[27] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]	[27] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

Or. en

Emenda 191
Clare Moody

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku]**.** u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni];	2. li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali]**,** tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku]***, tal-Fond Ewropew għad-Difiża stabbilit bir-Regolament Nru XXX*** u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali

tal-Unjoni];

[26] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

[27] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

Or. en

Emenda 192
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. li ***jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni*** tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku]. u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni];	2. li ***jikkoordina l-implimentazzjoni*** tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku]. u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni];

[26] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

[27] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

Or. en

Emenda 193
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, inklużi l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;	(a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati ***b'mod ġust, miftuħ u trasparenti*** għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, inklużi l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

Or. en

Emenda 194
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***inklużi*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;	(a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***b'mod partikolari*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

Or. en

Emenda 195
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***inklużi*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;	a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***b'mod partikolari*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

Or. de

Emenda 196
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jipprovdi appoġġ lil entitajiet oħrajn, inkluż dak finanzjarju, sabiex jakkwistaw, jaġġornaw, joperaw u jagħmlu disponibbli infrastrutturi bħal dawn u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***inklużi*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;	(b) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jipprovdi appoġġ lil entitajiet oħrajn, inkluż dak finanzjarju, sabiex jakkwistaw, ***jaqsmu,*** jaġġornaw, joperaw u jagħmlu disponibbli infrastrutturi bħal dawn u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, ***b'mod partikolari*** l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

Or. en

Emenda 197
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industrija u lil awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jappoġġja azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-għarfien espert disponibbli fin-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;	(c) jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industrija***, lil istituzzjonijiet ta' riċerka*** u lil awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jappoġġja azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-għarfien espert disponibbli fin-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

Or. en

Emenda 198
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industrija u lil awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jappoġġja azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-għarfien espert disponibbli fin-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;	c) jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industrija***, lill-SMEs*** u lil awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jappoġġja azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-għarfien espert disponibbli fin-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

Or. de

Emenda 199
Julia Reda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġja l-iżvilupp ta' prodotti u proċessi indipendenti li jkunu jistgħu jiġu studjati, kondiviżi, u jkomplu jiġu żviluppati b'mod liberu, b'mod partikolari

fil-qasam ta' ħardwer u softwer ivverifikat u li jkun jista' jiġi vverifikat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija, in-Netwerk u l-Komunità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Komponenti fdati li jiġu invokati b'mod partikolari f'ambjenti sensittivi bħall-industrija u applikazzjonijiet nazzjonali relatati mas-sigurtà.

Emenda 200
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jopera bħala punt uniku ta' servizz għal soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ffinanzjati permezz ta' programmi oħra bħal InvestEU jew il-Programm tas-Suq Uniku, b'mod partikolari għall-SMEs;

Or. en

Emenda 201
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-immappjar u l-evalwazzjoni tal-algoritmi rilevanti fir-rigward taċ-ċibersigurtà;

Or. en

Emenda 202

Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jgħaqqad flimkien partijiet ikkonċernati mill-industrija, l-akkademji, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-entitajiet pubbliċi sabiex jiżgura kooperazzjoni fit-tul fir-rigward tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, inklużi l-ġbir u l-kondivižjoni tar-riżorsi u l-informazzjoni fir-rigward ta' tali prodotti u soluzzjonijiet, jekk ikun xieraq;

Or. en

Emenda 203
Jaromír Kohlíček

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. d)
	Jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u riżorsi relatati maċ-ċibersigurtà bejn l-organizzazzjonijiet sabiex titjieb ir-reżiljenza ċibernetika ġenerali fi ħdan l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta l-organizzazzjonijiet jingħaqdu flimkien biex jaqsmu l-informazzjoni u r-riżorsi, dawn ikollhom ċans aħjar biex inaqqsu aktar riskji u jkunu kemm jista' jkun reżiljenti. Il-faċilitazzjoni ta' dan l-iskambju se tikkontribwixxi għat-titjib taċ-ċibersigurtà ġenerali u l-kapaċitajiet industrijali meħtieġa biex jiġi żgurat is-Suq Uniku Diġitali tal-UE.

Emenda 204

Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni wiesgħa ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata fl-ekonomija kollha, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:	4. jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni wiesgħa ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata fl-ekonomija kollha, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin***, f'konformità mal-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/24/UE***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

The aim of the Competence Centre should be to ensure that European public authorities, businesses and user industries are protected by the best available and most secure technologies. Adopting a "country-of-origin" approach to cybersecurity policy and procurement could undermine this aim as excellence in cybersecurity cannot be achieved solely at local level. This amendment places all market players, regardless of origin, on an equal footing in relation to research and funding opportunities and the procurement and uptake of cybersecurity products and solutions. Regarding procurement processes, their organisation needs to remain under the control of the Member State or specific national/ regional/ international public authority for very sensitive reasons such as administrative, legal, technical or security requirements, which vary and may be specific for individual cases. While the Competence Centre could add value by providing, at the request of the authority, useful guidance and best practices, it should not be empowered to override the powers of Member State institutions and international organisations based in the EU such as NATO, the United Nations and the OSCE, as it would risk endangering the security of these public authorities. Procurement contracts are often accompanied by Non-Disclosure Agreements and/ or security certificates and clearances which vary according to the sensitivity of protected network and/ or data or the criticality of the authority that purchases the specific (combination of) product, service and/ or process.

Emenda 205
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. jikkontribwixxi għall-	4. jikkontribwixxi għall-

implimentazzjoni wiesgħa ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata fl-ekonomija kollha, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:	implimentazzjoni wiesgħa ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ***rikonoxxuti internazzjonalment*** ta' teknoloġija avvanzata fl-ekonomija kollha, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 206
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ***tal-Unjoni*** mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti;	(a) jistimola ***ċ-ċiklu sħiħ tal-innovazzjoni taċ-ċibersigurtà u jnaqqas id-distakk tal-wied tal-mewt tal-innovazzjoni billi jsaħħaħ ir-riċerka*** dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ***fis-suq*** ta' prodotti u soluzzjonijiet ***olistiċi*** taċ-ċibersigurtà mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti ***fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 207
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 4 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti;	(a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti***, proċessi*** u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ara l-Emenda 1

Emenda 208
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ***tal-Unjoni*** mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti;	(a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti ***fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 209
Jaromír Kohlíček

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jassisti lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-industriji min-naħa tad-domanda u lil utenti oħrajn fl-adozzjoni u fl-integrazzjoni tal-aktar soluzzjonijiet reċenti taċ-ċibersigurtà;	(b) jassisti lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-industriji min-naħa tad-domanda u lil utenti oħrajn fl-adozzjoni u fl-integrazzjoni tal-aktar soluzzjonijiet reċenti taċ-ċibersigurtà; ***jinkludi soluzzjonijiet olistiċi mfassla biex jibnu r-reżiljenza ċibernetika fi ħdan l-organizzazzjonijiet u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejniethom, sabiex titjieb ir-reżiljenza ċibernetika fi ħdan l-Unjoni.***

Or. en

Emenda 210
Paul Rübig

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jassisti fl-implimentazzjoni tal-Linji Gwida għar-Riċerka Etika dwar is-Sigurtà.

Or. en

Emenda 211
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) jiġbor l-Iżvelar tal-Vulnerabbiltà rrapportat mill-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, jikkoordina l-iżvilupp ta' softwer korrettiv, tiswijiet u soluzzjonijiet u d-distribuzzjoni ta' dawn.

Or. en

Emenda 212
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jappoġġja***, b'mod partikolari,*** lill-awtoritajiet pubbliċi ***fl-organizzazzjoni*** tal-akkwist pubbliku ***jew iwettaq l-akkwist*** ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata ***f'isem l-awtoritajiet pubbliċi***;	(c) ***meta jintalab b'mod espliċitu,*** jappoġġja lill-awtoritajiet pubbliċi ***fl-għoti ta' gwida dwar il-proċeduri*** tal-akkwist pubbliku***, inkluż għall-akkwist*** ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata ***f'isem l-awtoritajiet pubbliċi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The aim of the Competence Centre should be to ensure that European public authorities, businesses and user industries are protected by the best available and most secure technologies. Adopting a "country-of-origin" approach to cybersecurity policy and procurement could undermine this aim as excellence in cybersecurity cannot be achieved solely at local level. This amendment places all market players, regardless of origin, on an equal footing in relation to research and funding opportunities and the procurement and uptake of cybersecurity products and solutions. Regarding procurement processes, their organisation needs to remain under the control of the Member State or specific national/ regional/ international public authority for very sensitive reasons such as administrative, legal, technical or security requirements, which vary and may be specific for individual cases. While the Competence Centre could add value by providing, at the request of the authority, useful guidance and best practices, it should not be empowered to override the powers of Member State institutions and international organisations based in the EU such as NATO, the United Nations and the OSCE, as it would risk endangering the security of these public authorities. Procurement contracts are often accompanied by Non-Disclosure Agreements and/ or security certificates and clearances which vary according to the sensitivity of protected network and/ or data or the criticality of the authority that purchases the specific (combination of) product, service and/ or process.

Emenda 213
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4 –punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdi appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lil kumpaniji ġodda fil-qasam taċ-ċibersigurtà u lill-SMEs sabiex jibnu pont ma' swieq potenzjali u jattiraw l-investiment;	(d) jipprovdi appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lil kumpaniji ġodda fil-qasam taċ-ċibersigurtà u lill-SMEs sabiex jibnu pont ma' swieq potenzjali***, isaħħu l-għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà f'dawn il-kumpaniji*** u jattiraw l-investiment ***sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà u/jew isiru atturi kompetittivi fil-qasam***;

Or. en

Emenda 214
Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jippromwovi ċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà f'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà") COM/2017/0477 final - 2017/0225 (COD).

Or. de

Emenda 215
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġja ***it-tkomplija*** tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.	(a) jappoġġja ***t-tkomplija*** tal-iżvilupp***, il-ġbir u l-kondiviżjoni*** ta' ħiliet ***u kompetenzi*** fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA ***u jappoġġja l-objettiv dwar il-ħiliet diġitali avvanzati tal-Programm Ewropa Diġitali, fejn ikun xieraq***.

Or. en

Emenda 216
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) jappoġġja ***it-tkomplija*** tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.	(a) jappoġġja ***t-tkomplija*** tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà ***fil-livelli edukattivi kollha***, fejn ikun xieraq, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.

Or. en

Emenda 217
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġja it-tkomplija tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, ***flimkien*** mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.	(a) jappoġġja it-tkomplija tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, ***jallinja*** mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.

Or. en

Emenda 218
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) jappoġġja it-tkomplija tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, ***fejn ikun xieraq,*** flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.	a) jappoġġja it-tkomplija tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.

Or. de

Emenda 219
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Jiżgura li ċ-Ċentru ta' Kompetenza jorbot ma' xogħol eżistenti fuq l-istandardizzazzjoni, inkluża r-riċerka dwar l-effetti tal-istandards internazzjonali eżistenti fuq iċ-ċibersigurtà u kwalunkwe ċertifikazzjoni u/jew skema ta' promozzjoni assoċjati.

Or. en

Emenda 220
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Jappoġġja inizjattivi mfassla biex jiżviluppaw it-talent ċibernetiku madwar l-UE, b'attenzjoni fuq l-iżvilupp ta' ħiliet ċibernetiċi bbilanċjati bejn is-sessi fl-edukazzjoni primarja, sekondarja u terzjarja.

Or. en

Emenda 221
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jappoġġja proġetti ta' riċerka u dimostrazzjoni fuq skala kbira fil-kapaċitajiet teknoloġiċi fil-qasam taċ-ċibersigurtà tal-ġenerazzjoni li jmiss, f'kollaborazzjoni mal-industrija ***u n-Netwerk***;	(b) jappoġġja proġetti ta' riċerka u dimostrazzjoni fuq skala kbira fil-kapaċitajiet teknoloġiċi fil-qasam taċ-ċibersigurtà tal-ġenerazzjoni li jmiss, f'kollaborazzjoni mal-industrija***, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, is-settur pubbliku u l-awtoritajiet, inkluż in-***

Netwerk;

Or. en

Emenda 222
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-istandardizzazzjoni fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà	(c) jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-istandardizzazzjoni fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà***, filwaqt li, fejn ikun xieraq, jallinja mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluża l-ENISA;***

Or. en

Emenda 223
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-istandardizzazzjoni fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà	(c) jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-istandardizzazzjoni fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà ***f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni;***

Or. en

Emenda 224
Julia Reda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġja r-riċerka fil-qasam taċ-ċiberkriminalità (reati li jsiru permezz tal-kompjuter)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġu mifhuma l-movitavazzjonijiet tal-atturi li jużaw kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà.

Emenda 225
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-isferi ċivili u tad-difiża fir-rigward ta' ***teknoloġiji*** u applikazzjonijiet b'użu doppju fiċ-ċibersigurtà, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:	7. itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-isferi ċivili u tad-difiża fir-rigward ta' ***proġetti, servizzi, kompetenzi*** u applikazzjonijiet b'użu doppju fiċ-ċibersigurtà, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-prodotti taċ-ċibersigurtà huma b'użu doppju min-natura tagħhom. Għalhekk, għandu jiġi salvagwardjat ir-rwol taċ-Ċentru fil-promozzjoni tal-koerenza bejn l-attivitajiet tal-komunitajiet ċivili u tad-difiża taċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-appoġġ għal proġetti taċ-ċibersigurtà b'użu doppju. Il-kapaċitajiet tad-difiża ċibernetika (kapaċitajiet militari) ma għandhomx jitħalltu mal-kapaċitajiet b'użu doppju u mal-applikazzjoni tagħhom fil-qasam ċibernetiku. Iċ-Ċentru għandu rwol biex jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kapaċitajiet b'użu doppju, li huma ta' natura ċivili iżda jistgħu jintużaw kemm minn atturi ċivili kif ukoll minn atturi tad-difiża.

Emenda 226
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ilaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati, sabiex jitrawmu sinerġiji bejn ir-riċerka ***u s-swieq*** taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża;	(c) ilaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati, sabiex jitrawmu sinerġiji bejn ir-riċerka taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża***, l-iżvilupp ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, u s-swieq***; ***f'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni kif stabbilit mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti;***

Or. en

Emenda 227
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. itejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u ta' difiża taċ-ċibersigurtà b'rabta mal-Fond Ewropew ta' Difiża billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) jagħti pariri, jaqsam l-għarfien espert u jiffaċilita l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti;	
(b) jiġġestixxi proġetti ta' difiża ċibernetika multinazzjonali, meta jintalab dan mill-Istati Membri, u għaldaqstant jaġixxi bħala maniġer tal-proġetti fi ħdan it-tifsira tar-Regolament XXX [ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Difiża].	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk iċ-Ċentru jingħata kompetenzi fil-qasam tas-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u tad-difiża taċ-ċibersigurtà u drittijiet ta' ġestjoni tal-proġetti fir-rigward tal-EDF, dan jidduplika l-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u jinterferixxi mal-kompetenzi tal-Istati Membri.

Emenda 228
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. itejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u ta' difiża taċ-ċibersigurtà b'rabta mal-Fond Ewropew ta' Difiża billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:	8. itejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u ta' difiża taċ-ċibersigurtà b'rabta mal-Fond Ewropew ta' Difiża***, inkluż*** billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-prodotti taċ-ċibersigurtà huma b'użu doppju min-natura tagħhom. Għalhekk, għandu jiġi salvagwardjat ir-rwol taċ-Ċentru fil-promozzjoni tal-koerenza bejn l-attivitajiet tal-komunitajiet ċivili u tad-difiża taċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-appoġġ għal proġetti taċ-ċibersigurtà b'użu doppju. Il-kapaċitajiet tad-difiża ċibernetika (kapaċitajiet militari) ma għandhomx jitħalltu mal-kapaċitajiet b'użu doppju u mal-applikazzjoni tagħhom fil-qasam ċibernetiku. Iċ-Ċentru għandu rwol biex jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kapaċitajiet b'użu doppju, li huma ta' natura ċivili iżda jistgħu jintużaw kemm minn atturi ċivili kif ukoll minn atturi tad-difiża.

Emenda 229
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. jipprovdi appoġġ speċjali lill-SMEs billi jiffaċilita l-aċċess tagħhom għal għarfien u taħriġ permezz ta' aċċess imfassal apposta għar-riżultati tanġibbli taċ-Ċentri ta' Kompetenza sabiex dawn ikunu jistgħu jżidu s-sigurtà tagħhom b'mod suffiċjenti u dawk li jkunu attivi fiċ-ċibersigurtà jkunu jistgħu jsiru aktar kompetittivi u b'hekk jikkontribwixxu għat-tmexxija Ewropea fil-qasam.

Or. en

Emenda 230
Paul Rübig, Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza jipprovdi finanzjament għall-infrastruttura, kapaċitajiet, prodotti jew soluzzjonijiet skont l-Artikolu 4(3) u (4) f'forma ta' għotja jew premju, il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jispeċifika b'mod partikolari:	1. Fejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza jipprovdi finanzjament għall-infrastruttura, kapaċitajiet, prodotti jew soluzzjonijiet skont l-Artikolu 4(3) u (4) f'forma ta' ***akkwist,*** għotja jew premju, il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jispeċifika b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 231
Paul Rübig, Angelika Niebler, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) regoli li jirregolaw fażijiet differenti tal-implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abilitazzjoni tal-mudelli tal-akkwist bi 3 fażijiet biex jinkisbu aktar trasparenza u sigurtà.

Emenda 232
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni globali ta' attivitajiet ta' akkwist konġunt inkluż l-akkwist prekummerċjali f'isem il-membri tan-Netwerk, il-membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jew partijiet terzi oħrajn li jirrappreżentaw lill-utenti tal-prodotti u s-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà. Għal dan il-għan, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jiġi megħjun minn Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali wieħed jew aktar minn wieħed jew minn membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni globali ta' attivitajiet ta' akkwist konġunt inkluż l-akkwist prekummerċjali f'isem il-membri tan-Netwerk, il-membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jew partijiet terzi oħrajn li jirrappreżentaw lill-utenti tal-prodotti u s-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà. Għal dan il-għan, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jiġi megħjun minn Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali wieħed jew aktar ***jew mill-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali rilevanti jew*** minn wieħed jew minn membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 233
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [data], kull Stat Membru għandu jinnomina l-entità li għandha taġixxi bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaha lill-Kummissjoni.	1. ***1. F'kull Stat Membru għandu jiġi stabbilit Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali wieħed.*** ***1a.*** Sa [data], kull Stat Membru għandu jinnomina l-entità li għandha taġixxi bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaha lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 234
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [data], kull Stat Membru għandu jinnomina l-entità li għandha taġixxi bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaha lill-Kummissjoni.	1. Sa [data], kull Stat Membru għandu jinnomina l-entità li għandha taġixxi bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaha lill-Kummissjoni ***u lill-Bord ta' Tmexxija***.

Or. en

Emenda 235
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi ta' valutazzjoni li tikkonċerna l-konformità ta' dik l-entità mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 4, ***il-Kummissjoni għandha toħroġ*** deċiżjoni fi żmien sitt xhur min-nominazzjoni mressqa mill-Istat Membru fejn ***tippreżenta*** l-akkreditazzjoni tal-entità bħala Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jew ***tiċħad*** in-nominazzjoni. Il-lista ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni.	2. Abbażi ta' valutazzjoni li tikkonċerna l-konformità ta' dik l-entità mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 4, ***il-Bord ta' Tmexxija għandu joħroġ*** deċiżjoni fi żmien sitt xhur min-nominazzjoni mressqa mill-Istat Membru fejn ***jippreżenta*** l-akkreditazzjoni tal-entità bħala Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jew ***jiċħad*** in-nominazzjoni. Il-lista ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda kriterji speċifiċi biex dan il-kompitu jitwettaq mill-Kummissjoni. Tali kompetenza għandha tiġi assenjata lill-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 236
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali nnominat għandu jkollu l-kapaċità li jappoġġja ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk fil-qadi tal-missjoni tagħhom, kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Huma għandu jkollhom għarfien espert teknoloġiku fiċ-ċibersigurtà jew ikollhom aċċess dirett għalih u jkunu f'pożizzjoni li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw b'mod effettiv mal-industrija, is-settur pubbliku ***u l-komunità*** ta' riċerka.	4. Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali nnominat għandu jkollu l-kapaċità li jappoġġja ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk fil-qadi tal-missjoni tagħhom, kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Huma għandu jkollhom għarfien espert teknoloġiku fiċ-ċibersigurtà jew ikollhom aċċess dirett għalih u jkunu f'pożizzjoni li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw b'mod effettiv mal-industrija, is-settur pubbliku***, il-komunità*** ta' riċerka ***u ċ-ċittadini***.

Or. en

Emenda 237
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ffirmat bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Il-ftehim għandu jistipula r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni u l-qsim tal-kompiti bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali.	5. Ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ***armonizzat fil-livell tal-Unjoni u*** ffirmat bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Il-ftehim għandu jistipula r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni u l-qsim tal-kompiti bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali.

Or. en

Emenda 238
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ***ffirmat*** bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Il-ftehim għandu jistipula r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni u l-qsim tal-kompiti bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ***kull wieħed miċ-Ċentri*** ta' Koordinazzjoni Nazzjonali.	5. Ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ***standard iffirmat*** bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Il-ftehim għandu jistipula r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni u l-qsim tal-kompiti bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ***ċ-Ċentri*** ta' Koordinazzjoni Nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftehim standard wieħed konkluż maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kollha jagħmel il-proċess aktar trasparenti u ugwali.

Emenda 239
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-elementi tal-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, inkluż il-format tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu -45.

Or. en

Emenda 240
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) jappoġġjaw iċ-Ċentru ta' Kompetenza fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu u, b'mod partikolari, fil-koordinazzjoni tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;	a) jappoġġjaw iċ-Ċentru ta' Kompetenza fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu u, b'mod partikolari, fil-koordinazzjoni ***u fil-promozzjoni*** tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

Or. de

Emenda 241
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-industrija u atturi oħrajn fil-livell tal-Istati Membri fi proġetti transkonfinali;	(b) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-industrija***, b'mod partikolari għall-SMEs,*** u atturi oħrajn fil-livell tal-Istati Membri fi proġetti transkonfinali;

Or. en

Emenda 242
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jinċentivaw proġetti transkonfinali, b'mod partikolari għall-SMEs;

Or. en

Emenda 243
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxu, flimkien maċ-Ċentru ta' Kompetenza, għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' sfidi ***industrijali*** taċ-ċibersigurtà li huma speċifiċi għas-settur;	(c) jikkontribwixxu, flimkien maċ-Ċentru ta' Kompetenza, għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' sfidi taċ-ċibersigurtà li huma speċifiċi għas-settur;

Or. en

Emenda 244
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jikkooperaw mill-qrib mal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Istandardizzazzjoni biex jiżguraw l-adozzjoni ta' standards eżistenti u biex jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari l-SMEs, fl-istabbiliment ta' standards ġodda.

Or. en

Emenda 245
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ifittxu li jistabbilixxu sinerġiji b'attivitajiet rilevanti fil-livelli nazzjonali ***u*** reġjonali;	(e) ifittxu li jistabbilixxu sinerġiji b'attivitajiet rilevanti fil-livelli nazzjonali***,*** reġjonali ***u lokali***;

Or. en

Emenda 246
Angelika Mlinar, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jippromwovu u jxerrdu kurrikuli edukattivi komuni minimi fir-rigward taċ-ċibersigurtà f'kooperazzjoni mal-korpi rilevanti fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 247
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jippromwovu u jxerrdu r-riżultati rilevanti tal-ħidma tan-Netwerk, tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u taċ-Ċentru ta' Kompetenza fil-livell nazzjonali ***jew*** reġjonali;	(g) jippromwovu u jxerrdu r-riżultati rilevanti tal-ħidma tan-Netwerk, tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u taċ-Ċentru ta' Kompetenza fil-livell nazzjonali***,*** reġjonali ***jew lokali***;

Or. en

Emenda 248
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandhom, fejn ikun rilevanti, jikkooperaw permezz tan-Netwerk għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-kompiti msemmijin fil-punti ***(a),*** (b), (c), ***(e)***, u (g) tal-paragrafu 1.	4. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandhom, fejn ikun rilevanti, jikkooperaw permezz tan-Netwerk ***u jikkoordinaw mal-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali rilevanti*** għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-kompiti msemmijin fil-punti (b), (c), ***(d), (f), (fa)***, u

(g) tal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 249
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkontribwixxi għall-missjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 u ttejjeb u xxerred l-għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha.	1. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkontribwixxi għall-missjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 u ttejjeb***, tiġbor, taqsam*** u xxerred l-għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 250
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.	2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija ***fin-naħa tad-domanda u tal-provvista, inklużi SMEs, Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-utenti***, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan għandu jinvolvi

liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti***, kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 251
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.	2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti***, b'mod partikolari l-Hubs Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali***.

Or. en

Emenda 252
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-	2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-

Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà ***fl-Unjoni***. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.	Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.

Or. en

Emenda 253
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà ***fl-Unjoni***. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.	2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.

Or. en

Emenda 254
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni biss jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:	3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni***, fil-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi programmi rilevanti tal-Unjoni jew f'pajjiżi oħra li juru l-implimentazzjoni ta' miżuri suffiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interess ta' garanzija essenzjali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha*** biss jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:

Or. en

Emenda 255
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni biss jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:	3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni biss jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. ***L-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni iżda kkontrollati minn entitajiet ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu eliġibbli sakemm l-Unjoni tkun iffirmat ftehim dwar il-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà.*** Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:

Or. en

Emenda 256
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni biss ***jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma***:	3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni***, fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u fl-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li jkollhom l-istrutturi tal-ġestjoni eżekuttiva tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż taż-ŻEE jew tal-EFTA u li mhumiex ikkontrollati minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew minn kwalunkwe entità ta' pajjiż terz oħra*** biss:

Or. en

Emenda 257
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-entitajiet li jkunu ***stabbiliti fl-Unjoni biss jistgħu jiġu*** akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà***. Huma*** għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:	3. L-entitajiet li jkunu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà ***fi Stat Membru tal-UE wieħed jew aktar*** fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is critical to the success of the proposed Cybersecurity Competence Community and Centre that entities with the best expertise are able to participate. Most of the state-of-the-art cybersecurity research and products have been either developed (and are subsequently exported out of) by EU subsidiaries of global entities or have been produced as the result of collaboration across borders and nationalities. In order to achieve the best in class R&D in Europe, the Regulation shall not discriminate against the possibility of European experts that

work on global cybersecurity projects to participate in the Cybersecurity Competence Community.

Emenda 258
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin, Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iżvilupp industrijali;	(b) l-iżvilupp industrijali ***jew tal-prodotti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is critical to the success of the proposed Cybersecurity Competence Community and Centre that entities with the best expertise are able to participate. Most of the state-of-the-art cybersecurity research and products have been either developed (and are subsequently exported out of) by EU subsidiaries of global entities or have been produced as the result of collaboration across borders and nationalities. In order to achieve the best in class R&D in Europe, the Regulation shall not discriminate against the possibility of European experts that work on global cybersecurity projects to participate in the Cybersecurity Competence Community.

Emenda 259
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Jens Geier, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) operazzjonijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is critical to the success of the proposed Cybersecurity Competence Community and Centre that entities with the best expertise are able to participate. Most of the state-of-the-art cybersecurity research and products have been either developed (and are subsequently exported out of) by EU subsidiaries of global entities or have been produced as the result of

collaboration across borders and nationalities. In order to achieve the best in class R&D in Europe, the Regulation shall not discriminate against the possibility of European experts that work on global cybersecurity projects to participate in the Cybersecurity Competence Community.

Emenda 260
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) sħubiji xjentifiċi jew tekniċi jew kooperazzjoni ma' awtoritajiet akkademiċi u/jew pubbliċi kif iddefinit skont l-Artikolu 2(3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is critical to the success of the proposed Cybersecurity Competence Community and Centre that entities with the best expertise are able to participate. Most of the state-of-the-art cybersecurity research and products have been either developed (and are subsequently exported out of) by EU subsidiaries of global entities or have been produced as the result of collaboration across borders and nationalities. In order to achieve the best in class R&D in Europe, the Regulation shall not discriminate against the possibility of European experts that work on global cybersecurity projects to participate in the Cybersecurity Competence Community.

Emenda 261
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet ***li jkunu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali*** bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ***wara*** valutazzjoni ***li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità,*** dwar	4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ***abbażi ta'*** valutazzjoni dwar jekk ***entità*** tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi

jekk ***l-entità*** tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza ***fi kwalunkwe ħin, jekk dan*** jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ***jikkunsidra li*** l-entità ma ***tissodisfax*** il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ***jekk*** l-entità ma ***tibqax tissodisfa*** il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

Or. en

Emenda 262
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet ***li jkunu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali*** bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wara valutazzjoni li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità, dwar jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidra li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].	4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet ***imsemmija fil-paragrafu 3*** bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà***. L-entitajiet stabbiliti skont il-liġi nazzjonali għandhom ikunu akkreditati*** wara valutazzjoni li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità, dwar jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidra li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

Or. en

Emenda 263
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet li jkunu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wara valutazzjoni li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità, dwar jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidra li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].	4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet li jkunu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wara valutazzjoni ***armonizzata*** li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru ***u miċ-Ċentru ta' Kompetenza*** fejn tkun stabbilita l-entità, dwar jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidra li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

Or. en

Emenda 264
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati fil-Komunità, inklużi l-SMEs.

Or. en

Emenda 265
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tispeċifika ulterjorment il-kriterji previsti fil-paragrafu 3 u l-proċeduri għall-valutazzjoni u l-akkreditazzjoni ta' entitajiet li jissodisfaw dawk il-kriterji. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu -45.

Or. en

Emenda 266
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-entitajiet eżistenti li jipparteċipaw fi sħubiji pubbliċi-privati dwar iċ-ċibersigurtà fil-livell Ewropew għandhom ikunu membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u għandu jkollhom rwol ta' tmexxija biex jistimolaw u jappoġġjaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, filwaqt li jkomplu x-xogħol li wettqu s'issa.

Or. en

Emenda 267

Paul Rübig, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) bħala li jirrapportaw l-Iżvelar tal-Vulnerabbiltà liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, jgħinuhom isewwuwhom u jagħtu pariri dwar kif jitnaqqsu dawn il-vulnerabbiltajiet.

Or. en

Emenda 268
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) iħeġġu lill-membri tal-Komunità li huma manifatturi u fornituri ta' servizzi biex jiċċertifikaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom taħt skemi ta' ċertifikazzjoni adottati skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 269
Algirdas Saudargas, Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni inklużi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni, it-Tim ta' Rispons f'Każ ta' Emerġenza Diġitali (CERT-UE), is-Servizz	1. ***Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà,*** iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni inklużi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni, it-Tim

Ewropew għall-Azzjoni Esterna, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva ta' Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Innovazzjoni u tan-Netwerks, iċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol kif ukoll l-Aġenzija Ewropea ta' Difiża.	ta' Rispons f'Każ ta' Emerġenza Diġitali (CERT-UE), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva ta' Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Innovazzjoni u tan-Netwerks, iċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol kif ukoll l-Aġenzija Ewropea ta' Difiża.

Or. en

Emenda 270
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għax-xogħol tal-ENISA fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (id-"Direttiva NIS") u r-Regolament (UE) 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' YY dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà").

Or. en

Emenda 271
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kooperazzjoni bħal din għandha sseħħ fi ħdan il-qafas ta' arranġamenti ta' ħidma. Dawk l-arranġamenti għandhom jitressqu għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.	2. Kooperazzjoni bħal din għandha sseħħ fi ħdan il-qafas ta' arranġamenti ta' ħidma ***miftiehma bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija rispettivi tal-Unjoni***. Dawk l-arranġamenti għandhom jitressqu għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni***, kif ukoll għal skopijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 272
Peter Kouroumbashev, Zigmantas Balčytis, Adam Gierek, Theresa Griffin, Eva Kaili, Miapetra Kumpula-Natri

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għax-xogħol tal-ENISA fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni u r-Regolament (UE) 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' YYY dwar l-ENISA, l-"Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà", u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà").

Or. en

Emenda 273
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***Direttur*** Eżekuttiv, ***li għandu jeżerċita l-kompiti stipulati fl-Artikolu 16;***	(b) ***id-Direttur*** Eżekuttiv ***tal-ENISA***, ***l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 274
Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, ***u rappreżentant wieħed tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA),*** f'isem l-Unjoni.

Or. en

Emenda 275
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru***, żewġ rappreżentanti tal-Parlament Ewropew*** u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.

Or. en

Emenda 276
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost ***minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni***.	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost ***mill-Membri tal-Bord Maniġerjali tal-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà***.

Or. en

Emenda 277
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ***ħames rappreżentanti*** tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ***rappreżentant wieħed*** tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala rappreżentazzjoni sproporzjonata meta mqabbla mal-Istati Membri.

Emenda 278
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull membru tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu membru supplenti biex jirrappreżentah fin-nuqqas tiegħu.	2. Kull membru tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu membru supplenti biex jirrappreżentah fin-nuqqas tiegħu. ***Kull Stat Membri għandu jkollu dritt wieħed tal-vot, filwaqt li l-Kummissjoni għandu jkollha żewġ drittijiet tal-vot.***

Or. en

Emenda 279
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 280
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.	3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija ***jew tar-riċerka taċ-ċibersigurtà***, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti***. Għandu jitqies il-bilanċ bejn is-sessi***. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 281
Clare Moody, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u	3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u

s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ***għandu jkollhom l-għan li jiksbu*** rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.	s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 282
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-mandat tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 283
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn jissalvagwardjaw il-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 284
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista' tistieden osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, biex jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 285
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni tista' tistieden*** osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, biex ***jieħu*** sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq.	6. ***Il-Membri tal-Bord ta' Tmexxija jistgħu jistiednu*** osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni ***u l-membri taċ-Ċentru ta' Kompetenza***, biex ***jieħdu*** sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq ***biex jiżguraw li jiġi introdott għarfien espert u biex jinbnew rabtiet aktar b'saħħithom mal-komunitajiet tal-industrija u tar-riċerka***.

Or. en

Emenda 286
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni ***tista' tistieden*** osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, biex ***jieħu*** sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq.	6. Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri jistgħu jistiednu*** osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, biex ***jieħdu*** sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-membri kollha tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkollhom id-dritt li jistiednu osservaturi, mhux il-Kummissjoni biss.

Emenda 287
Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) għandha tkun osservatur permanenti fil-Bord ta' Tmexxija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 288
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) ***għandha tkun osservatur*** permanenti fil-Bord ta' Tmexxija.	7. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) ***u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandhom ikunu osservaturi*** permanenti fil-Bord ta' Tmexxija***, filwaqt li jagħtuh pariri. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jagħti l-akbar importanza lill-opinjonijiet li jiġu espressi mill-ENISA. Minħabba l-esperjenza tagħha fil-qasam, l-ENISA għandha tiġi kkonsultata b'mod speċjali għal proġetti relatati mar-riċerka.***

Or. en

Emenda 289
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) għandha tkun osservatur*** permanenti fil-Bord ta' Tmexxija.	7. ***Id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA u l-persunal tiegħu għandhom ikunu osservaturi*** permanenti fil-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 290
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jadotta proċedura għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni tax-xogħol u s-sensja amministrattiva, u fit-tkomplija tal-acquis tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun appoġġjat mill-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari mill-Bord Maniġerjali tagħha għar-responsabbiltajiet marbuta mal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, u mid-Direttur Eżekuttiv tagħha tal-ENISA għar-responsabbiltajiet eżekuttivi.

Emenda 291
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jivvaluta l-konformità tal-entità nnominata mill-Istat Membru li għandha l-obbligu li taġixxi bħala Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali u joħroġ deċiżjoni li tipprevedi l-akkreditazzjoni tal-entità jew li tiċħad n-nominazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda kriterju speċifiku biex dan il-kompitu jitwettaq mill-Kummissjoni, kif ġie propost. Tali kompetenza għandha tiġi assenjata lill-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 292

Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jadotta l-arranġamenti ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 10(2).

Or. en

Emenda 293
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jaħtar, ikeċċi, jestendi t-terminu tal-kariga, jipprovdi gwida u jimmonitorja l-prestazzjoni ***tad-Direttur Eżekuttiv u jaħtar lill-Uffiċjal*** tal-Kontabbiltà;	(f) jaħtar, ikeċċi, jestendi t-terminu tal-kariga, jipprovdi gwida u jimmonitorja l-prestazzjoni ***tal-Uffiċjal*** tal-Kontabbiltà;

Or. en

Emenda 294
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jippromwovi ċ-Ċentru ta' Kompetenza b'mod globali, sabiex iżid l-attraenza tiegħu u jagħmlu korp ta' livell dinji għall-eċċellenza fiċ-ċibersigurtà;	(l) jippromwovi ċ-Ċentru ta' Kompetenza b'mod globali***, billi jippromwovi l-eċċellenza u l-attraenza tiegħu***, sabiex iżid l-attraenza tiegħu u jagħmlu korp ta' livell dinji għall-eċċellenza fiċ-ċibersigurtà; ***għal dan il-għan jappoġġja l-kollaborazzjoni mal-atturi globali;***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Eċċellenza u attraenza permezz tal-kollaborazzjoni internazzjonali

Emenda 295
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jippromwovi ċ-Ċentru ta' Kompetenza b'mod globali, sabiex iżid l-attraenza tiegħu u jagħmlu korp ta' livell dinji għall-eċċellenza fiċ-ċibersigurtà;	(l) jippromwovi ċ-Ċentru ta' Kompetenza b'mod globali, sabiex iżid l-attraenza tiegħu u jagħmlu korp ta' livell dinji ***ta' fama internazzjoni*** għall-eċċellenza fiċ-ċibersigurtà;

Or. en

Emenda 296
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) jadotta regoli ta' trasparenza għaċ-Ċentru ta' Kompetenza;

Or. en

Emenda 297
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) jadotta strateġija kontra l-frodi li tkun proporzjonata mar-riskji ta' frodi fid-dawl ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji	(r) jadotta strateġija kontra l-frodi ***u kontra l-korruzzjoni*** li tkun proporzjonata mar-riskji ta' frodi ***u ta' korruzzjoni*** fid-

tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati;	dawl ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati***, kif ukoll jadotta miżuri ta' protezzjoni adegwati għall-informaturi***;

Or. en

Emenda 298
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) jadotta metodoloġija sabiex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni finanzjarja mingħand l-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-metodoloġija biex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni finanzjarja mingħand l-Istati Membri għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri u ma għandhiex tkun ir-responsabbiltà tal-Bord ta' Tmexxija li jiddeċiedi.

Emenda 299
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) jadotta metodoloġija sabiex ***tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni finanzjarja mingħand l-Istati*** Membri;	(s) jadotta ***definizzjoni estensiva ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u*** metodoloġija sabiex ***jiġi kkalkolat l-ammont ta' kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati*** Membri ***li jistgħu jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet finanzjarji skont din id-definizzjoni. Dan il-kalkolu għandu jitwettaq fi tmiem kull sena finanzjarja***;

Or. en

Emenda 300
Angelika Mlinar, Lieve Wierinck, Pavel Telička

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta jkun qed jiddeċiedi dwar il-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-Bord ta' Tmexxija għandu jqis il-pariri li jingħataw mill-ENISA.

Or. en

Emenda 301
Peter Kouroumbashev, Zigmantas Balčytis, Adam Gierek, Theresa Griffin, Eva Kaili, Miapetra Kumpula-Natri

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta jkun qed jiddeċiedi dwar il-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-Bord ta' Tmexxija għandu jqis il-pariri li jingħataw mill-ENISA.

Or. en

Emenda 302
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu ***jeleġġi***	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu ***jkollu***

President u Viċi President ***minn fost il-membri tiegħu, li jkollhom drittijiet tal-vot għal perjodu ta' sentejn. Il-mandat tal-President*** u ***tal-Viċi*** President ***jista' jiġi estiż darba, wara li tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija. Jekk, madankollu, is-sħubija*** tagħhom ***fil-Bord ta' Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data***. ***Il-Viċi President għandu jissostitwixxi ex officio lill-President jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.***	President u Viċi President***, li rispettivament għandhom ikunu l-President u l-Viċi President tal-Bord Maniġerjali tal-ENISA. Il-mandat*** tagħhom ***għandu jkun tal-istess tul bħal dak tal-Bord Maniġerjali tal-ENISA***.
	Or. en

Emenda 303
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu, li jkollhom drittijiet tal-vot għal perjodu ta' sentejn. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President jista' jiġi estiż darba, wara li tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija. Jekk, madankollu, is-sħubija tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi ex officio lill-President jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.	1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu, li jkollhom drittijiet tal-vot għal perjodu ta' sentejn***, filwaqt li jqis il-bilanċ bejn is-sessi***. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President jista' jiġi estiż darba, wara li tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija. Jekk, madankollu, is-sħubija tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi ex officio lill-President jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.
	Or. en

Emenda 304
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jorganizza l-laqgħat ordinarji tiegħu mill-inqas tliet darbiet fis-sena. Dan jista' jorganizza laqgħat straordinarji fuq talba tal-Kummissjoni, fuq talba ta' terz tal-membri kollha tiegħu, fuq talba tal-President jew fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv bi twettiq tal-kompiti tiegħu/tagħha.	2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jorganizza l-laqgħat ordinarji tiegħu mill-inqas tliet darbiet fis-sena***. Dawn il-laqgħat se jkunu laqgħat straordinarji għal-laqgħat previsti għall-Bord Maniġerjali tal-ENISA, kif iddefinit skont ir-Regolament [Regolament tal-UE tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà]***. Dan jista' jorganizza laqgħat straordinarji fuq talba tal-Kummissjoni, fuq talba ta' terz tal-membri kollha tiegħu, fuq talba tal-President jew fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv bi twettiq tal-kompiti tiegħu/tagħha.

Or. en

Emenda 305
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jipprovdi*** s-segretarjat għall-Bord ta' Tmexxija.	6. ***L-ENISA għandha tipprovdi*** s-segretarjat għall-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 306
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed Regulation would preclude excessive power to the Commission, while Member States who do not financially contribute to the Competence Centre would be deprived from voting rights. This would mean that some Member States would be forced to implement requirements developed by only a fraction of Member States. Such a governance structure could be perceived as discriminatory as the EU budget, which will finance the activities carried out by the Competence Centre, is predominantly shaped by national contributions (68.73%). All Member States should have authority to shape funding, procurement, research and development decisions across the EU and they should all have equal oversight responsibilities and voting rights on the Governing Board. This is particularly important given that technology development and government grant life cycles take several years. Granting all Member States with equal voting rights also will fall in the continuity of the EU acquis on cybersecurity which has strived to deepen the cooperation between Member States and closer the gap with regards their cybersecurity capabilities. For the above reasons and in order to avoid duplication of work and administrative redundancy, and in the continuity of the EU acquis on cybersecurity, the Competence Centre shall be supported by ENISA, the EU Cybersecurity Agency, namely by its Managing Board for the responsibilities related to the Governing Board of the Competence Centre, and by its Executive Director of ENISA for the executive responsibilities.

Emenda 307
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandu jkollha ***50 % tad-drittijiet*** tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.	1. L-Unjoni***, irrappreżentata mill-Kummissjoni,*** għandu jkollha ***d-drittijiet*** tal-vot ***li jikkorrispondu mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha***. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.

Or. en

Emenda 308
Barbara Kappel

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***L-Unjoni għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.***	(1) ***Kull membru tal-Bord ta' Mmaniġġjar għandu jkollu vot.***

Or. de

Emenda 309
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandu jkollha ***50 %*** tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.	1. L-Unjoni għandu jkollha ***25 %*** tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli tal-votazzjoni ma jirrappreżentawx bilanċ tajjeb bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni ma għandux ikollha pożizzjoni ta' veto ġenerali.

Emenda 310
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jkollu vot wieħed.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tal-vot ġew stabbiliti skont l-Artikolu 12(2).

Emenda 311
Evžen Tošenovský, Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandu jkollu vot wieħed.	2. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed.

Or. en

Emenda 312
Evžen Tošenovský, Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti***, li jirrappreżentaw tal-anqas 75 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali liċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi kkalkolata abbażi tal-infiq stmat propost mill-Istati Membri msemmi fil-punt c tal-Artikolu 17(2) u abbażi tar-rapport dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 22(5).***	3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti.

Or. en

Emenda 313
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti***, li jirrappreżentaw tal-anqas 75 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali liċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi kkalkolata abbażi tal-infiq stmat propost mill-Istati Membri msemmi fil-punt c tal-Artikolu 17(2) u abbażi tar-rapport dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 22(5).***	3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti.

Or. en

Emenda 314
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti, li jirrappreżentaw tal-anqas 75 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali liċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi kkalkolata abbażi tal-infiq stmat propost mill-Istati Membri msemmi fil-punt c tal-Artikolu 17(2) u abbażi tar-rapport dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 22(5).	3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti, li jirrappreżentaw tal-anqas 75 % ***tal-proporzjon*** tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali ***tal-Istati Membri individwali għall-Prodott Domestiku Gross tagħhom*** liċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi kkalkolata abbażi tal-infiq stmat propost mill-Istati Membri msemmi fil-punt c tal-Artikolu 17(2) u abbażi tar-rapport dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 22(5).

Or. en

Emenda 315
Evžen Tošenovský, Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Huma r-rappreżentanti tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri ***parteċipanti*** biss li għandu jkollhom id-drittijiet tal-vot.	4. Huma r-rappreżentanti tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri biss li għandu jkollhom id-drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 316
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Il-ħatra, it-tneħħija jew l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv	
1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun persuna b'għarfien espert u ta' reputazzjoni tajba fl-oqsma fejn jopera ċ-Ċentru ta' Kompetenza.	
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju taċ-Ċentru ta' Kompetenza skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għal Aġenti Oħrajn.	
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.	
4. Għall-finijiet tal-konklużjoni tal-kuntratt tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun	

irrappreżentat mill-President tal-Bord ta' Tmexxija.

5. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin. Sa tmiem dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni li tqis l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

6. Il-Bord ta' Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn erba' snin.

7. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess post.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 317
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.	3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni ***u mill-Istati Membri***, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom iżommu l-istess dritt li jipproponu kandidat peress li t-tnejn qed jikkontribwixxu finanzjarjament għall-inizjattiva.

Emenda 318
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.	3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa***, mhux diskriminatorja*** u trasparenti.

Or. en

Emenda 319
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija u l-Kummissjoni, iħejji u jissottometti għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inklużi l-ambitu tas-sejħiet għal proposti, sejħiet għal espressjonijiet ta' interess u sejħiet għal tenders meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma u l-istimi ta' nfiq korrispondenti, kif propost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;	(c) wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija***, il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku*** u l-Kummissjoni, iħejji u jissottometti għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inklużi l-ambitu tas-sejħiet għal proposti, sejħiet għal espressjonijiet ta' interess u sejħiet għal tenders meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma u l-istimi ta' nfiq korrispondenti, kif propost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiżdiedu u jiġu bbilanċjati s-setgħat, il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku wkoll għandu jiġi kkonsultat mid-Direttur. B'dan il-mod, l-industrija se tagħti input sinifikanti fl-

abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u fl-abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali. Id-deċiżjoni finali dwar l-inklużjoni tal-kummenti tibqa' f'idejn il-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 320
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija ***u l-Kummissjoni***, iħejji u jissottometti għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inklużi l-ambitu tas-sejħiet għal proposti, sejħiet għal espressjonijiet ta' interess u sejħiet għal tenders meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma u l-istimi ta' nfiq korrispondenti, kif propost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;	(c) wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija***, il-Kummissjoni u l-ENISA***, iħejji u jissottometti għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inklużi l-ambitu tas-sejħiet għal proposti, sejħiet għal espressjonijiet ta' interess u sejħiet għal tenders meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma u l-istimi ta' nfiq korrispondenti, kif propost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 321
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) iħejji pjan ta' azzjoni msejjes fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet retrospettivi u jirrapporta dwar il-progress kull sentejn lill-Kummissjoni	(h) iħejji pjan ta' azzjoni msejjes fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet retrospettivi u jirrapporta dwar il-progress kull sentejn lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew;***

Or. en

Emenda 322
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi l-ftehimiet maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftehim standard wieħed konkluż maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kollha jagħmel il-proċess aktar trasparenti u ugwali.

Emenda 323
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) japprova ***l-lista*** ta' azzjonijiet magħżula għal finanzjament abbażi ta' lista ta' klassifika stabbilita minn panel ta' esperti indipendenti;	(l) japprova***, wara konsultazzjoni mal-ENISA u mal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku, il-lista*** ta' azzjonijiet magħżula għal finanzjament abbażi ta' lista ta' klassifika stabbilita minn panel ta' esperti indipendenti;

Or. en

Emenda 324
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti ta' awditjar intern jew estern, kif ukoll investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew	(s) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti ta' awditjar intern jew estern, kif ukoll investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew

Kontra l-Frodi (OLAF) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni kif ukoll regolarment lill-Bord ta' Tmexxija;	Kontra l-Frodi (OLAF) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** kif ukoll regolarment lill-Bord ta' Tmexxija;

Or. en

Emenda 325
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti ta' awditjar intern jew estern, kif ukoll investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni kif ukoll regolarment lill-Bord ta' Tmexxija;	(s) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti ta' awditjar intern jew estern, kif ukoll investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** kif ukoll regolarment lill-Bord ta' Tmexxija;

Or. en

Emenda 326
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn ***16-il*** membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn ***25*** membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija ***skont proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja*** minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. ***Fid-determinazzjoni tal-membri tiegħu, l-organizzazzjonijiet Ewropej eżistenti fil-qasam taċ-ċibersigurtà għandhom jitqiesu***

b'mod partikolari. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jiżgura wkoll ir-rappreżentazzjoni mill-industrija fin-naħa tad-domanda u tal-provvista, l-SMEs, is-settur pubbliku u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka.

Or. en

Emenda 327
Paul Rübig, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn ***25*** membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija ***permezz ta' proċedura miftuħa u trasparenti*** minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà***, inklużi l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament. Is-sħubija tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandha tiżgura rappreżentazzjoni wiesgħa tal-industriji rilevanti kollha, b'mod partikolari mill-SMEs, l-akkademji u s-soċjetà ċivili rilevanti.***

Or. en

Emenda 328
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru. Il-membri	1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru***. Minn dan in-***

għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	***numru, mhux aktar minn 10 għandhom jintgħażlu minn fost l-industrija, u minn dan in-numru, mhux aktar minn 4 għandhom jintgħażlu minn fost l-SMEs; il-bqija tal-membri għandhom jintgħażlu minn fost l-Universitajiet u ċ-Ċentri tar-Riċerka***. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Or. en

Emenda 329
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru ***li jirrappreżentaw is-settur industrijali (kumpaniji kbar, SMEs u mikrointrapriżi u negozji ġodda), universitajiet, istituti ta' riċerka u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-kategoriji differenti kollha ta' persuni attivi fiċ-ċibersigurtà jkunu involuti fil-Bord.

Emenda 330
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***ma għandux ikun*** kompost minn aktar minn 16-il membru***. Il-membri għandhom*** jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.	1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***għandu jkun*** kompost minn ***rappreżentant tal-"Organizzazzjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ECSO) u mhux*** aktar minn 16-il membru ***ieħor li*** jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ***jew minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra***.

Or. en

Emenda 331
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.	2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, ***it-taħriġ u l-edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà,*** l-iżvilupp industrijali, ***filwaqt li joffru jew jimplimentaw b'suċċess*** is-servizzi ***jew il-prodotti*** professjonali ***taċ-ċibersigurtà*** jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 332
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.	2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali jew l-implimentazzjoni tagħhom***, u impenn ċar lejn is-sħubija pubblika-privata kuntrattwali (cPPP) dwar iċ-ċibersigurtà***. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 333
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka ***dwar iċ-ċibersigurtà***, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.	2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali ***u fil-kontribut attiv u kontinwu għas-sħubiji b'kuntratt pubbliċi-privati dwar iċ-ċibersigurtà*** jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-PPP għandhom rwol fundamentali li għandu jiġi rikonoxxut u mniedi mill-ġdid fiċ-Ċentru

Emenda 334
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-mandat tal-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkun ta' ***tliet*** snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded.	4. Il-mandat tal-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkun ta' ***erba'*** snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded.

Or. en

Emenda 335
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni ***jistgħu*** jipparteċipaw u jappoġġjaw il-ħidma tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni ***għandhom*** jipparteċipaw u jappoġġjaw il-ħidma tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Or. en

Emenda 336
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni ***jistgħu*** jipparteċipaw u jappoġġjaw il-ħidma tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni ***għandhom*** jipparteċipaw u jappoġġjaw il-ħidma tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Or. en

Emenda 337

Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***jista'*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***għandu*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza***, kull meta dawk il-kwistjonijiet jaqgħu fi ħdan il-kompiti u l-oqsma ta' kompetenza deskritti fl-Artikolu 20***, ***u*** fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Or. en

Emenda 338
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***jista'*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti ***għall-ħidma*** taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***se*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti ***għall-attivitajiet*** taċ-Ċentru ta' Kompetenza ***kif definiti fl-Artikolu 20***, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Tisħiħ tar-rwol konsultattiv tal-Bord Konsultattiv

Emenda 339

Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***jista'*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.	2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ***għandu*** jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Or. en

Emenda 340
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollu status ta' osservatur fil-Bord ta' Tmexxija biex ikun jista' jagħti pariri regolari lill-Bord ta' Tmexxija.

Or. en

Emenda 341
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluż in-nomina tar-rappreżentanti li għandhom	4. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluż in-nomina ***tal-parteċipanti tal-gruppi ta' ħidma stabbiliti***

jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv, fejn ikun rilevanti, u t-tul taż-żmien tan-nomina tagħhom.	***skont l-Artikolu 19(2) u*** tar-rappreżentanti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv, fejn ikun rilevanti, u t-tul taż-żmien tan-nomina tagħhom.

Or. en

Emenda 342
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, ***inkluż in-nomina*** tar-rappreżentanti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv***,*** ***fejn ikun rilevanti,*** u t-tul taż-żmien tan-nomina tagħhom.	4. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, ***li jipprovdu għan-nomina tar-rappreżentanti tal-gruppi ta' ħidma previsti fl-Artikolu 19(2) u*** tar-rappreżentanti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv u t-tul taż-żmien tan-nomina tagħhom.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-involviment tal-gruppi ta' ħidma mhux biss huwa mixtieq iżda wkoll xieraq

Emenda 343
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jikkoordina u jikkollabora, fejn huwa possibbli, mas-sħubiji kuntrattwali pubbliċi-privati.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Koordinazzjoni meħtieġa mal-PPP eżistenti

Emenda 344
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jaħdem mill-qrib mas-cPPP.

Or. en

Emenda 345
Jens Geier, Theresa Griffin, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Korp Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jagħti pariri liċ-Ċentru ta' Kompetenza fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet tiegħu u għandu:	Il-Korp Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu ***regolarment*** jagħti pariri liċ-Ċentru ta' Kompetenza fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet tiegħu u għandu:

Or. en

Emenda 346
Patrizia Toia

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u	(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u

input għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;	input għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija; ***fid-diskrezzjoni tad-Direttur u tal-Bord ta' Tmexxija, il-Bord Konsultattiv jista' jintalab jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kull meta d-diskussjoni tkun tirrigwarda l-oqsma deskritti fl-Artikolu 20.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Estensjoni tal-involviment f'kull settur ta' kompetenza

Emenda 347
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u input għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;	(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u input għall-abbozzar ***ta' aġenda għat-teknoloġija u għall-applikazzjoni,*** tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija; ***fejn id-Direttur Eżekuttiv u l-Bord ta' Tmexxija jqisu li jkun xieraq, dan għandu jipprovdi wkoll pariri dwar l-akkwist u l-implimentazzjoni.***

Or. en

Emenda 348
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u	(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u

input għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;	input ***għall-orjentazzjoni strateġika u għall-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza f'dak li jirrigwarda l-industrija u x-xjenza, u*** għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;

Or. en

Emenda 349
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li għandhom interess fil-qasam taċ-ċibersigurtà, sabiex jiġbor l-input għall-pariri strateġiċi msemmijin fil-paragrafu 1;	(2) jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi***, meta jkun meħtieġ f'koordinazzjoni mas-cPPP,*** miftuħin għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li għandhom interess fil-qasam taċ-ċibersigurtà, sabiex jiġbor l-input għall-pariri strateġiċi msemmijin fil-paragrafu 1;

Or. en

Emenda 350
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) jippromwovi u jiġbor il-feedback dwar il-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.	(3) jippromwovi u jiġbor il-feedback dwar il-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza ***u jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar kif jitjiebu l-orjentazzjoni strateġika u l-operat taċ-Ċentru ta' Kompetenza skont dan il-feedback***.

Or. en

Emenda 351
Massimiliano Salini, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) jipparteċipa, permezz tal-preżenza tal-President tiegħu, fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija, kull meta s-suġġett li jkun qed jiġi eżaminat jaqa' fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tiegħu kif iddefinit fl-Artikolu 20.

Or. en

Emenda 352
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Ammont mill-Fond Ewropew għad-Difiża għal azzjonijiet relatati mad-difiża taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluż għal kostijiet amministrattivi bħall-kostijiet li ċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jġarrab meta jaġixxi bħala maniġer tal-proġetti għall-azzjonijiet imwettqa bħala parti mill-Fond Ewropew għad-Difiża.

Or. en

Emenda 353
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat għal [il-Programm Ewropa Diġitali] ***u*** għall-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni XXX.	2. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat għal [il-Programm Ewropa Diġitali]***,*** għall-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni XXX ***u għall-Fond Ewropew għad-Difiża***.

Or. en

Emenda 354
Jens Geier, José Blanco López, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex tkopri l-kompiti msemmijin fl-Artikolu 4(8)(b)	4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ***minn Ewropa Diġitali u minn Orizzont Ewropa*** ma għandhiex tkopri l-kompiti msemmijin fl-Artikolu 4(8)(b) ***Dawn jistgħu jkunu koperti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew għad-Difiża.***

Or. en

Emenda 355
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kontribuzzjonijiet minn programmi tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi (1) u (2) hawn fuq li huma parti minn kofinanzjament mill-Unjoni għal programm implimentat minn wieħed mill-Istati Membri ma

	għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi (1) u (2) hawn fuq.

Or. en

Emenda 356
Peter Kouroumbashev, Adam Gierek, Krystyna Łybacka, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni għall-kostijiet operazzjonali u amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' tal-anqas l-istess ammonti bħal dawk stipulati fl-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 357
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni għall-kostijiet ***operazzjonali u*** amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' tal-anqas l-istess ammonti bħal dawk stipulati fl-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament.	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' tal-anqas l-istess ammonti bħal dawk stipulati fl-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 358
Paul Rübig

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni totali għall-kostijiet operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li tkun proporzjonata mal-ammont fl-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan biex l-Istati Membri kollha jingħataw il-motivazzjoni biex jipparteċipaw.

Emenda 359
Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas b'mod proporzjonat jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanazjarja tal-Unjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza jekk l-Istati Membri parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu biss parzjalment jew jikkontribwixxu tard fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 360
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas ***b'mod proporzjonat*** jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanazjarja tal-Unjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza jekk l-Istati Membri parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu biss parzjalment jew jikkontribwixxu tard fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1.	4. Il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanazjarja tal-Unjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza jekk l-Istati Membri parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu biss parzjalment jew jikkontribwixxu tard fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1. ***It-terminazzjoni, it-tnaqqis jew is-sospensjoni tal-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun proporzjonata fl-ammont u l-ħin għat-tnaqqis, it-terminazzjoni jew is-sospensjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 361
Jens Geier, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri parteċipanti f'forma ta':	(b) kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri parteċipanti***, kif iddefinit f'aktar dettall skont l-Artikolu 13(3)(s),*** f'forma ta':

Or. en

Emenda 362
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li, meta	1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li, meta

jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jinkixfu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament u, fejn ikun xieraq, b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u disważivi.	jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki ***regolari u*** effettivi u, jekk jinkixfu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament u, fejn ikun xieraq, b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u disważivi.

Or. en

Emenda 363
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund, Theresa Griffin

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkonsisti minn persunal temporanju u minn persunal kuntrattwali.	7. Il-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu ***jkun ibbilanċjat bejn is-sessi u*** jikkonsisti minn persunal temporanju u minn persunal kuntrattwali.

Or. en

Emenda 364
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-Artikoli 22 [Sjieda tar-riżultati], 23 [Kriterji addizzjonali tal-eliġibbiltà] u 30 [Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata] tar-Regolament Nru XXX [Fond Ewropew għad-Difiża] għandhom japplikaw fl-azzjonijiet kollha relatati mad-difiża miċ-Ċentru ta' Kompetenza, meta jkun previst

	fil-pjan ta' ħidma, l-għoti ta' liċenzji mhux esklużivi jista' jkun limitat għal partijiet terzi stabbiliti jew li huma meqjusa li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollati mill-Istati Membri u/jew ċittadini tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 365
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu ***b'livell għoli*** ta' trasparenza.	1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu ***bl-ogħla livell*** ta' trasparenza.

Or. en

Emenda 366
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni xierqa, oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli faċilment, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tax-xogħol tiegħu. Hu għandu jqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dikjarazzjonijiet ta' interessi magħmula f'konformità mal-Artikolu 41.	2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni xierqa, oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli faċilment ***fi żmien xieraq***, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tax-xogħol tiegħu. Hu għandu jqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dikjarazzjonijiet ta' interessi magħmula f'konformità mal-Artikolu 41.

Or. en

Emenda 367
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho, Eugen Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi valutazzjoni tar-riżultati miksuba miċ-Ċentru ta' Kompetenza b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tiegħu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza tkun ġustifikata fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat ***u*** tal-kompiti assenjati lilu, hija tista' tipproponi li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien tal-mandat taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif stipulat fl-Artikolu 46.	3. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi valutazzjoni tar-riżultati miksuba miċ-Ċentru ta' Kompetenza b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tiegħu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza tkun ġustifikata fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat***,*** tal-kompiti***, tal-effettività u tal-effiċjenza*** assenjati lilu, hija tista' tipproponi li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien tal-mandat taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif stipulat fl-Artikolu 46.

Or. en

Emenda 368
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri, il-korpi u l-persunal tiegħu. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interess fir-rigward tar-rappreżentanti tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija kif ukoll tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku u Industrijali f'konformità mar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid].	Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri, il-korpi u l-persunal tiegħu***, inkluż id-Direttur Eżekuttiv***. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interess fir-rigward tar-rappreżentanti tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija kif ukoll tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku u Industrijali f'konformità mar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid].

Or. en

Emenda 369
Zdzisław Krasnodębski, Edward Czesak, Evžen Tošenovský

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jista' jiġi konkluż ftehim amministrattiv bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Istat Membru ***[il-Belġju]*** fejn tinsab is-sede dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li dak l-Istat Membru għandu jagħti liċ-Ċentru ta' Kompetenza.	Jista' jiġi konkluż ftehim amministrattiv bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Istat Membru fejn tinsab is-sede dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li dak l-Istat Membru għandu jagħti liċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Or. en

Emenda 370
Jens Geier, José Blanco López, Carlos Zorrinho

Proposta għal regolament
Artikolu 45a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 45a
	Proċedura ta' kumitat
	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
	2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (EU) Nru 182/2011.

Or. en